The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that GPS-tracked scientific fish aggregating device will be deployed at the southwest of the Maltese Islands.

Il-GPS-tracked scientific fish aggregating device huwa parti mill-EU Life Oasis Project, kordinat lokalment minn Nature Trust Malta. Dawn il-fish aggregating devices se jiġu mwaħħla mal-kannizzati (floats tal-plastik) u se jiġu mmonitorjati bħala parti minn riċerka ambjentali u tas-sajd.

Total ta' żewġ (2) fish aggregating devices ġew implimentati fil-pożizzjonijiet approssimattivi li ġejjin u se jibqgħu fil-pożizzjoni sa nhar is-Sibt, 31 ta' Ottubru, 2026.

Latitudni (T)	*Longitudni (L)*
35° 46'.686	014° 23'.531
35° 43'.883	014° 27'.853

Il-kaptana u l-operaturi tal-bastimenti huma avzati biex ma jneħħux u ma jiġbrux dawn il-fish aggregating devices jekk jinstabu marbuta mal-kannizzati (floats tal-plastik).

Jekk għal xi raġuni l-fish aggregating device jinstab miexi mal-kurrent jew maqlugħ minn postu, il-baħħara u l-operaturi tal-bastimenti għandhom jikkuntattjaw lil:

Is-Sa Antonia Scicluna (kordinatriċi tal-proġett)
Numru tal-mowbajl: +356 7711 0199
Indirizz elettroniku: (antonia@naturetrustmalta.com)

Il-kaptana u l-operaturi tal-bastimenti huma avżati biex joqogħdu attenti, u jinnavigaw b'kawtela u b'veloċità baxxa meta dawn il-GPS-tracked scientific fish aggregating device jintlemħu.

Charts affettwati : BA 194, 2123, 2124, 2538

L-14 ta' Awwissu, 2026

KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI

Sejħa għas-Servizz
Amministratur/triċi tal-Appoġġ (Komunikazzjoni)
fi ħdan il-Kunsill Malti għall-Arti

Deskrizzjoni tas-Servizz

Taħt is-sorveljanza tad-Direttriċi (Komunikazzjoni) u l-Kap (Komunikazzjoni) fi ħdan il-Kunsill Malti għall-Arti (KMA), l-Amministratur/triċi tal-Appoġġ (Komunikazzjoni) se j/taħdem mill-qrib mat-Tim tal-Komunikazzjoni tal-Kunsill u j/tassisti fil-kompiti amministrattivi sabiex j/tappoġġja l-operati tad-Direttorat tal-Komunikazzjoni.

Id-Dmirijiet u r-Responsabbiltajiet Ewlenin

J/Tipprovdi appoġġ amministrattiv fil-kordinazzjoni tal-komunikazzjonijiet, marketing, u inizjattivi ta' relazzjonijiet pubbliċi;

The GPS-tracked scientific fish aggregating device is part of the EU Life Oasis Project, coordinated locally by Nature Trust Malta. These Fish Aggregating Device will be attached to the Kannizzati (plastic floats) and will be monitored as part of an environmental and fisheries research.

A total of two (2) fish aggregating devices have been deployed in the following approximate positions and will remain in position until Saturday, 31st October, 2026.

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35° 46'.686	014° 23'.531
35° 43'.883	014° 27'.853

Masters and operators of vessels are advised to not remove or collect these mentioned fish aggregating device if found attached to the kannizzati (plastic floats).

If for some reason the fish aggregating device are found adrift or detached, mariners and operators of vessels are to contact:

Ms Antonia Scicluna (project coordinator)
Mobile number: +356 7711 0199
Email: (antonia@naturetrustmalta.com)

Masters and operators of vessels are advised to keep a sharp lookout, navigate with caution and at slow speed when these GPS-tracked scientific fish aggregating devices are sighted.

Charts affected: BA 194, 2123, 2124, 2538

14th August, 2026

ARTS COUNCIL MALTA

Call for Service
Support Administrator (Communications)
at Arts Council Malta

Service Description

Under the supervision of the Director (Communications) and Head (Communications) at Arts Council Malta (ACM), the Support Administrator (Communications) will work closely with the Council's Communications Team and assist with the administrative tasks to support the operations of the Communications Directorate.

Main Duties and Responsibilities

Providing administrative support in the coordination of communications, marketing, and public relations initiatives;

J/Tassisti fl-organizzazzjoni u t-tħejjija ta' materjali ta' komunikazzjoni, rapporti, stqarrijiet tal-aħbarijiet, pubblikazzjonijiet u dokumentazzjoni oħra;

J/Tappoġġa l-operati ta' kuljum, inkluż dħul ta' data, filing, żamma ta' rekords, korrispondenza u dmirijiet relatati ma' prokuramenti;

J/Tassisti fil-kordinazzjoni ta' avvenimenti, konferenzi, laqgħat, u attivitajiet oħra organizzati mid-Dipartiment tal-Komunikazzjoni;

J/Tipprovdi assistenza amministrattiva fir-rigward tal-pjattaformi tal-midja soċjali tal-organizzazzjoni, inkluż l-iskedar u t-tlugħ ta' kontenut approvat;

J/Tassisti fil-ġbir u fl-organizzazzjoni ta' ritratti, vidjows, informazzjoni u materjal ieħor li hu meħtieġ għall-kontenut fuq il-midja soċjali;

J/Tappoġġja lit-tim tal-komunikazzjoni b'monitoraġġ bażiku tal-pjattaformi tal-midja soċjali u j/tirreferi messaġġi, kummenti jew mistoqsijiet għand il-membru tat-tim xieraq, kif inhu meħtieġ;

J/Tassisti fiż-żamma ta' skedi tal-midja soċjali, rekords tal-kontenut u dokumentazzjoni relatata;

J/Tikkomunika ma' fornituri, fornituri ta' servizzi, u partijiet interessati oħra, kif meħtieġ;

J/Tieħu ħsieb komunikazzjonijiet fuq it-telefown u permezz ta' ittri elettroniċi, u j/tara li j/twieġeb fil-ħin għal mistoqsijiet interni u esterni;

Iżomm/Iżżomm u j/taġġorna listi postali, bażijiet ta' data, sistemi ta' preżentata, u rekords amministrattivi oħrajn;

I/Twettaq dmirijiet amministrattivi u klerikali oħrajn, kif meħtieġ sabiex j/tappoġġja l-funzjonament eżekuttiv tad-Dipartiment tal-Komunikazzjoni;

I/Twettaq dmirijiet amministrattivi oħrajn relatati mat-tim tal-komunikazzjoni, kif jistgħu jiġu assenjati b'mod raġonevoli mid-Direttriċi (Komunikazzjoni) u/jew mill-Kap (Komunikazzjoni).

Dmirijiet Oħrajn, Kif Assenjati

L-għan ta' din id-deskrizzjoni tax-xogħol hu li jagħti ħarsa ġenerali tal-iskop ġenerali u tal-firxa ta' dmirijiet li se j/twettaq l-Amministratur/triċi tal-Appoġġ (Komunikazzjoni). Din id-deskrizzjoni tax-xogħol m'għandhiex titqies bħala lista eżawrjenti ta' dmirijiet. Ir-rwol u r-rekwiżiti tiegħu jistgħu jiġu riveduti minn żmien għal żmien u jistgħu jiġu emendati fid-dawl

Assisting in the organisation and preparation of communication materials, reports, press releases, publications, and other documentation;

Supporting day-to-day office operations, including data input, filing, record-keeping, correspondence, and procurement-related duties;

Assisting with the coordination of events, conferences, meetings, and other activities organised by the Communications Section;

Providing administrative assistance in relation to the organisation's social media platforms, including the scheduling and uploading of approved content;

Assisting in gathering and organising photographs, videos, information, and other material required for social media content;

Supporting the communications team with basic monitoring of social media platforms and referring messages, comments, or queries to the appropriate team member as required;

Assisting in maintaining social media schedules, content records, and related documentation;

Liaising with suppliers, service providers, and other external stakeholders as required;

Handling telephone and email communication and ensuring timely responses to internal and external queries;

Maintaining and updating mailing lists, databases, filing systems, and other administrative records;

Performing other administrative and clerical duties as may be required to support the effective functioning of the Communications Section;

Carry out any other administrative duties related to the communications team as may reasonably assigned by the Director (Communications) and/or Head (Communications).

Other Duties as Assigned

This job description is intended to outline the general scope and range of duties to be performed by the Support Administrator (Communications) and should not be regarded as an exhaustive list of responsibilities. The role and its requirements may be reviewed periodically and may be amended in light of operational needs, organisational

tal-ħtiġiet operattivi, l-iżviluppi organizzattivi u l-esperjenza, f'konsultazzjoni mal-Amministratur/triċi tal-Appoġġ.

Il-fornitur tas-servizz li j/tintagħżel se j/tkun meħtieġ/a j/taħdem 40 siegħa fil-ġimgħa u se j/tkun ibbażat/a primarjament fl-uffiċċji tal-Kunsill Malti għall-Arti fl-Imrieħel. Ir-rwol jinkludi arranġamenti flessibbli ta' xogħol u jista' jirrikjedi l-proviżjoni ta' servizzi barra mill-ħinijiet standard tax-xogħol, inkluż filgħaxijiet jew f'ħinijiet oħrajn mhux skedati, skont l-esiġenzi operattivi u r-rekwiżiti tal-programm.

Se jingħataw taħriġ xieraq, onboarding u gwida dwar il-proċeduri tal-KMA, is-sistemi interni, is-strutturi governattivi, u l-proċessi u r-regolamenti applikabbli tas-settur pubbliku.

Kwalifiki, Ħiliet u Esperjenza Meħtieġa

Sad-data u l-ħin tal-applikazzjoni, il-kandidat/a jrid ikollu/ikollha fil-pussess tiegħu/tagħha l-kwalifiki u l-esperjenzi deskritti hawn taħt, bħala minimu:

Kwalifika ta' Livell MQF 2 jew ekwivalenti, bħala minimu;

Esperjenza f'xogħol amministrattiv u/jew klerikali. Esperjenza preċedenti ta' xogħol amministrattiv f'uffiċċju, jew fi rwoli simili titqies bħala vantaġġ;

Għarfien tajjeb u esperjenza fl-użu tal-applikazzjonijiet Microsoft Office, inkluż Word, Excel, Outlook u Powerpoint;

I/Tkun organizzat/a, metikoluż/a u kapaċi j/twettaq bosta kompiti b'mod effiċjenti;

Ħiliet interpersonali u ta' komunikazzjoni b'saħħithom;

Kapaċi j/taħdem b'mod indipendenti u f'tim;

Esperjenza preċedenti f'ambjent ta' komunikazzjoni jew mal-pubbliku titqies bħala vantaġġ.

U j/trid ikollu/ha:

Rekord bil-provi ta' ħidma fis-settur kulturali;

Ħiliet eċċellenti ta' komunikazzjoni bil-kitba u verbali bil-Malti u bl-Ingliż;

Għarfien tas-setturi kulturali u kreattivi;

I/Tkun networker eċċellenti;

Għarfien ġenerali tal-proċeduri tal-uffiċċju u għarfien tar-Regolamenti tal-Għoti ta' Kuntratti Governattivi;

developments, and experience, in consultation with the Support Administrator.

The selected service provider will be required to work 40 hours per week and will be primarily based at the offices of Arts Council Malta in Mrieħel, Birkirkara, Malta. The role includes flexible working arrangements and may require the provision of services outside standard working hours, including evenings or other unscheduled times, according to operational exigencies and programme requirements.

Appropriate training, onboarding, and guidance will be provided on ACM procedures, internal systems, governance structures, and applicable public sector processes and regulations.

Qualifications, Skills and Experience Required

By the time of application, the candidate must be in possession of the below qualifications and experience as a minimum:

Possess a minimum of MQF Level 2 or equivalent qualification;

Possess experience in administrative and/or clerical work. Previous experience in office administration, or similar roles will be considered an asset;

Have good knowledge and experience in using Microsoft Office applications, including Word, Excel, Outlook, and PowerPoint;

Be highly organised, meticulous, and able to handle multiple tasks efficiently;

Possess strong communication and interpersonal skills;

Be able to work both independently and within a team;

Previous experience in a communications or public facing environment will be considered an asset.

And must have:

Proven track record of working in the cultural sector;

Excellent writing and verbal communication skills in Maltese and English;

Knowledge of the cultural and creative sectors;

Excellent networker;

General awareness of office procedures and knowledge of Governments Procurement Regulations;

Ħiliet qawwija ta' organizzazzjoni u amministrattivi u attenzjoni għad-dettall;

Ħiliet interpersonali eċċellenti kif ukoll fis-servizz tal-klijenti;

Ħila ppruvata li j/tosserva u j/tikseb ħiliet ġodda f'rabta ma' ħiliet ta' komunikazzjoni esterna u interna;

Attitudni kreattiva u l-ħila li j/taħdem taħt pressjoni, i/tlesti l-kompiti b'mod effiċjenti, u j/tilħaq skadenzi stretti;

Impenn lejn is-servizz tal-klijenti u tmexxija ta' kwalità.

Il-Kuntratt u Informazzjoni dwar il-Paga

Il-kandidat/a magħżul/a se j/tingħata Kuntratt ta' Servizz ta' tliet snin (3) bil-possibbiltà li dan jiġġedded għal perjodu ieħor, skont il-prestazzjoni tal-kandidat/a.

Il-kandidat/a i/twieġeb għad-Direttriċi (Komunikazzjoni) u l-Kap (Komunikazzjoni) tal-Kunsill Malti għall-Arti u j/taħdem b'ħinijiet flessibbli biex j/tilħaq għad-domandi u l-ħtiġiet tal-pożizzjoni. Il-kandidat/a magħżul/a se j/tkun meħtieġ/a jsegwi/issegwi r-regoli u r-regolamenti tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

Ir-remunerazzjoni hija dik ta' €25,000 (eskluża l-VAT iżda inkluż kwalunkwe taxxi u miżati oħra) fis-sena għal 40 siegħa fil-ġimgħa.

Barra minn hekk, għat-tul tal-kuntratt, il-Fornitur tas-Servizz se j/tirċievi Ħlas għad-Disturb sa 15% kull sena, għad-diskrezzjoni tad-Direttriċi (Komunikazzjoni), biex j/tiġi ikkumpensat/a għal dmirijiet ta' kultant li jsiru barra mill-ħinijiet standard tal-uffiċċju, inkluż filgħaxijiet, tmiem il-ġimgħa, u għal ħtiġiet operattivi oħrajn.

Il-pagamenti jiġu pproċessati kull xahar mill-Kunsill Malti għall-Arti kif tasal il-fattura, li jrid ikollha numru tal-VAT validu.

Eliġibbiltà

Sal-ħin u d-data ta' skadenza ta' din is-sejħa għal applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u

Strong organisational and administrative skills and attention to detail;

Excellent interpersonal skills and customer service skills;

Demonstrated ability to observe and acquire new skills pertaining to external and internal communication skills;

A creative mindset and the ability to work well under pressure, completing tasks efficiently, and handling tight deadlines;

A commitment to customer service and quality management.

Contract and Salary Information

The selected candidate will be awarded a three (3) year Contract for Service, with the possibility to renew for a further period, depending on their performance.

Answerable to the Director (Communications) and Head (Communications) at Arts Council Malta and operating with flexible hours to meet the demands and requirements of the role, the chosen candidate will be required to work within the rules and regulations of the Malta Public Service.

The remuneration is of €25,000 (excluding VAT but including any other taxes or charges) per year for 40 hours per week.

In addition, for the duration of the contract, the Service Provider shall receive a Disturbance Allowance of up to 15% per annum, at the discretion of the Director (Communications), to compensate for occasional duties performed outside standard office hours, including evenings, weekends, and other operational requirements.

Payment will be processed monthly by Arts Council Malta on receipt of an invoice with a valid VAT number.

Eligibility

By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and

dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li huma intitolati għal trattament ugwali bħala ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg f'termini tal-liġi jew il-leġiżlazzjoni tal-UE u proviżjonijiet tat-trattat imsemmija hawn fuq, minħabba r-relazzjoni familjari ta' dawn il-persuni msemmija f'paragrafu (a), (b), jew (c); jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' resident għal żmien twil f'Malta taħt ir-Regolament 4 tar-Regolamenti dwar 'Status ta' Residenti għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi) tal-2006', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-'Regolamenti dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji, 2007'.

(f) persuni li għandhom dokument ta' residenza maħruġ skont it-termini tal-Istatus tar-Residenza taċ-Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja Tagħhom f'Malta skont il-Ftehim tal-Ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.

Il-pariri tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u l-Affarijiet tal-Espatrijati fi ħdan Identità għandhom jintalbu skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati li jaqgħu taħt punti (b), (c), (d), (e) u (f) imsemmija hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja ta' impjieg fil-każi li din tkun meħtieġa mill-Att dwar l-Immigrazzjoni u l-leġiżlazzjoni sussidjarja. F'dak il-każ, l-entità Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

Kif Tapplika

Applikanti interessati għandhom jibagħtu ittra ta' motivazzjoni flimkien ma' CV u kopji taċ-ċertifikati tagħhom lil (vacancies.acm@artscouncil.mt).

Id-data tal-għeluq tal-applikazzjoni hi l-Ġimgħa, 21 ta' Awwissu, 2026, f'nofsinhar.

L-applikanti eliġibbli se jintalbu jattendu intervista ta' selezzjoni.

L-14 ta' Awwissu, 2026

treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'.

(f) persons in possession of a residence document issued in terms of the Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations.

The advice of the Department of Citizenship and Expatriate Affairs within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d), (e) and (f) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. JobsPlus should be consulted as necessary on this issue.

How to Apply

Interested applicants are required to send a motivation letter together with a CV, and copies of certificates to (vacancies.acm@artscouncil.mt).

Closing date for applications is Friday, 21st August, 2026, at noon.

Eligible applicants will be asked to sit for a selection interview.

14th August, 2026

AĠENZIJA NAZZJONALI GĦALL-ARTI PERFORMATTIVA

Sejħa għal applikazzjonijiet
Direttur Artistiku KorMalta
(Il-Kor Nazzjonali ta' Malta)

Kariga: Direttur Artistiku
Organizzazzjoni: L-Aġenzija Nazzjonali għall-Arti Performattiva
Kumpanija: KorMalta – Il-Kor Nazzjonali ta' Malta
Impenn: Kuntratt ta' Servizz fuq bażi full-time
Bidu Mistenni: Settembru 2026
Post: Malta

Dwar KorMalta

KorMalta huwa l-Kor Nazzjonali ta' Malta u l-ensemble korali professjonali ewlieni tal-pajjiż. Permezz tal-eċċellenza artistika, l-innovazzjoni u l-kollaborazzjoni, KorMalta jippreżenta produzzjonijiet li jiċċelebraw il-wirt mużikali Malti filwaqt li jħaddan ir-repertorju korali internazzjonali. Il-kor għandu l-għan li jwessa' r-repertorju tiegħu, jikkollabora regolarment ma' orkestri, festivals, artisti u istituzzjonijiet kulturali nazzjonali u internazzjonali, iħeġġeġ il-kreattività kontemporanja u jsaħħaħ l-involviment tal-pubbliku fil-mużika korali.

KorMalta dieħel f'fażi ġdida u eċitanti ta' żvilupp artistiku u professjonalizzazzjoni. Għaldaqstant, qed ifittex Direttur Artistiku ta' livell eċċezzjonali biex isawwar il-viżjoni artistika tiegħu, jikkonsolida l-pożizzjoni tal-kor bħala l-Kor Nazzjonali ta' Malta, iwessa' l-programm ta' sensibilizzazzjoni tiegħu u jqiegħdu fost l-ensembles vokali professjonali ewlenin fl-Ewropa.

L-Għan Ġenerali tal-Kariga

Id-Direttur Artistiku jkun responsabbli biex jipprovdi l-viżjoni artistika, it-tmexxija mużikali u d-direzzjoni strateġika ta' KorMalta, filwaqt li jiżgura li l-kor jilħaq l-ogħla standards professjonali u internazzjonali.

Il-kandidat magħżul se jissorvelja l-iżvilupp artistiku tal-kor, imexxi l-provi u l-wirjiet fejn meħtieġ, ifassal programmi artistiċi innovattivi, jiżviluppa l-kantanti, jistabbilixxi kollaborazzjonijiet internazzjonali u jsaħħaħ il-pożizzjoni ta' KorMalta bħala l-ensemble korali professjonali ewlieni ta' Malta. B'ħidma mill-qrib mal-Kap Direttur, mat-tim maniġerjali u mal-Aġenzija Nazzjonali għall-Arti Performattiva (NAPA), id-Direttur Artistiku se jiżgura l-eċċellenza fl-attivitajiet artistiċi kollha, filwaqt li jippromovi l-kreattività, l-innovazzjoni u l-ambizzjoni artistika.

NATIONAL AGENCY FOR THE PERFORMING ARTS

Call for Applications
Artistic Director – KorMalta
(Malta's National Choir)

Position: Artistic Director
Organisation: National Agency for the Performing Arts

Company: KorMalta – Malta's National Choir
Employment: Full-time Contract for Service
Target Commencement: September 2026
Location: Malta

About KorMalta

KorMalta is Malta's National Choir and serves as the country's flagship professional choral ensemble. Through artistic excellence, innovation and collaboration, KorMalta presents performances that celebrate Malta's musical heritage while engaging with the international choral repertoire. The choir aims to expand it's repertoire, collaborate regularly with national and international orchestras, festivals, artists and cultural institutions while championing contemporary creativity and broadening public engagement with choral music.

KorMalta is entering an exciting new phase of artistic development and professionalisation and is seeking an exceptional Artistic Director to shape its artistic vision, consolidating the positioning of the choir as Malta's National choir, expand it's outreach programme position the choir amongst Europe's leading professional vocal ensembles.

Overall Purpose of the Role

The Artistic Director is responsible for providing the artistic vision, musical leadership and strategic direction of KorMalta, ensuring that the choir performs to the highest professional and international standards.

The successful candidate will oversee the artistic development of the choir, direct rehearsals and performances where required, curate innovative artistic programmes, develop singers, establish international collaborations and strengthen KorMalta's position as Malta's leading professional choral ensemble. Working closely with the Principal Conductor, management team and the National Agency for the Performing Arts (NAPA), the Artistic Director will ensure excellence across all artistic activity while promoting creativity, innovation and artistic ambition.

Responsabbiltajiet Ewlenin

Tmexxija Artistika

Jiżviluppa u jimplimenta l-viżjoni u l-istrateġija artistika fit-tul ta' KorMalta;

Ifassal staġuni artistiċi annwali li jsibu bilanċ bejn ir-repertorju klassiku, il-mużika kontemporanja u l-kompożizzjonijiet Maltin;

Jikkummissjona u jippromovi xogħlijiet ġodda minn kompożituri Maltin u internazzjonali;

Jibni kollaborazzjonijiet artistiċi ma' orkestri, festivals, kumpaniji tal-opra, istituzzjonijiet edukattivi u organizzazzjonijiet kulturali internazzjonali;

Isaħħaħ il-pożizzjoni ta' KorMalta bħala kor professjonali rikonoxxut fi ħdan il-komunità korali internazzjonali;

Jirrappreżenta lil KorMalta fuq livell nazzjonali u internazzjonali.

Direzzjoni Mużikali

Imexxi l-għażla tal-programmi u l-kurazija tal-wirjiet;

Jissorvelja t-tħejjija, il-provi u d-direzzjoni tal-kor mill-Kap Direttur għal kunċerti, reġistrazzjonijiet, xandiriet u tours;

Jissorvelja t-tħejjija mużikali tal-kor;

Flimkien mal-Kap Direttur u d-diretturi mistiedna, jiżgura l-preċiżjoni mużikali, stilistika u lingwistika fir-repertorju kollu;

Iħeġġeġ lill-kantanti kollha biex jilħqu l-ogħla standards artistiċi u vokali;

Jipprovdi żvilupp vokali kontinwu u taħriġ mużikali fejn meħtieġ;

Jingaġġa diretturi, mexxejja u għalliema meħtieġa għall-iżvilupp tal-kor.

Ġestjoni Artistika

Jipprovdi t-tmexxija, il-viżjoni u d-direzzjoni artistika ġenerali ta' KorMalta;

Jassisti fir-reklutaġġ, l-auditions, l-iżvilupp u ż-żamma ta' kantanti professjonali fl-ensemble, b'kollaborazzjoni mad-Direttur tal-Kor;

Key Responsibilities

Artistic Leadership

Develop and implement KorMalta's long-term artistic vision and strategy;

Curate annual artistic seasons balancing classical repertoire, contemporary music and Maltese compositions;

Commission and promote new works by Maltese and international composers;

Build artistic collaborations with orchestras, festivals, opera companies, educational institutions and international cultural organisations;

Position KorMalta as a recognised professional choir within the international choral community;

Represent KorMalta nationally and internationally.

Musical Direction

Lead the selection of programmes and performance curation;

Oversee the preparation, rehearsing and conducting of the choir for concerts, recordings, broadcasts and tours by the Principal Conductor;

Oversee the musical preparation of the choir;

Together with the Principal Conductor and guest conductors, ensure musical, stylistic and linguistic accuracy across all repertoire;

Encourage the highest artistic and vocal standards amongst all singers;

Provide ongoing vocal development and musical coaching when required;

Engage conductors, leaders and teachers needed for the development of the choir.

Artistic Management

Provide overall artistic leadership, vision and direction for KorMalta;

Assist in the ensemble recruitment, audition, develop and retain professional singers in collaboration with the Chorus Conductor;

Jissorvelja l-attendenza għall-provi u jiddetermina kemm il-kor ikun imħejji artistikament għall-wirjiet;

Iwettaq evalwazzjonijiet artistiċi kontinwi tal-koristi;

Jirrakkomanda artisti u diretturi mistiedna għall-approvazzjoni;

Jiżviluppa l-programm artistiku annwali u jippreżenta għall-approvazzjoni l-pjanijiet għall-istaġuni futuri;

Jorganizza masterclasses, workshops u opportunitajiet ta' żvilupp professjonali ma' artisti rikonoxxuti internazzjonalment;

Iħeġġeġ tkabbir artistiku kontinwu u jżomm l-ogħla standards professjonali.

Operat u Kollaborazzjoni

Jikkordina mill-qrib mal-Kap Direttur, mal-Kordinatur tal-Kor u mat-timijiet tal-produzzjoni;

Jorganizza sejħiet mużikali u skedi tal-provi li jipprovdu biżżejjed żmien għat-tħejjija;

Jattendi l-provi fuq il-palk u jappoġġja produzzjonijiet li jinvolvu lill-kor;

Jipparteċipa f'kunċerti, tours, reġistrazzjonijiet u impenji artistiċi oħra;

Ikompli jtejjeb il-prattiki artistiċi u operattivi tax-xogħol;

Jappoġġja inizjattivi għall-involviment tal-udjenzi, programmi edukattivi u proġetti ta' kant fil-komunità.

Tmexxija

Jibni u jispira tim artistiku professjonali u motivat ħafna;

Irawwem kultura ta' kollaborazzjoni, inklużjoni, professjonalità u eċċellenza artistika;

Jippromovi lil NAPA u lil KorMalta lokalment u internazzjonalment permezz ta' networking u sħubijiet strateġiċi;

Juri impenn lejn l-iżvilupp professjonali kontinwu u l-innovazzjoni artistika.

Kwalifiki Essenzjali

L-applikanti għandhom juru wkoll:

Monitor rehearsal attendance and determine artistic readiness for performances;

Conduct ongoing artistic evaluations of choristers;

Recommend guest artists and conductors for approval;

Develop the annual artistic programme and present future season plans for approval;

Organise masterclasses, workshops and professional development opportunities with internationally recognised artists;

Encourage continuous artistic growth and maintain the highest professional standards.

Operations and Collaboration

Liaise closely with the Principal Conductor, Chorus Coordinator and production teams;

Organise music calls and rehearsal schedules ensuring adequate preparation time;

Attend stage rehearsals and support productions involving the choir;

Participate in concerts, tours, recordings and additional artistic engagements;

Continually improve artistic and operational working practices;

Support audience engagement initiatives, education programmes and community singing projects.

Leadership

Build and inspire a highly motivated professional artistic team;

Foster a culture of collaboration, inclusion, professionalism and artistic excellence;

Promote NAPA and KorMalta locally and internationally through networking and strategic partnerships;

Demonstrate a commitment to continuous professionaldevelopment and artistic innovation.

Essential Qualifications

Applicants must also demonstrate:

Għarfien estensiv tar-repertorju korali nazzjonali u internazzjonali;

Esperjenza professjonali fl-oqsma tal-mużika u tal-kant korali;

Ħiliet eċċellenti fit-tħejjija mużikali fir-rigward tal-lingwi Ewropej ewlenin.

Esperjenza Mixtieqa

Dan li ġej jitqies bħala vantaġġ:

Esperjenza ta' xogħol fi djar tal-opra professjonali jew teatri ewlenin;

Esperjenza f'tours u reġistrazzjonijiet internazzjonali;

Esperjenza fl-ikkummissjonar u l-ipprogrammar ta' xogħlijiet korali ġodda;

Esperjenza ta' xogħol ma' ensembles vokali professjonali;

Esperjenza fl-ipprogrammar ta' festivals u fl-ippjanar artistiku;

Esperjenza fil-ġestjoni tal-arti jew fit-tmexxija artistika strateġika;

Esperjenza fl-istabbiliment ta' sħubijiet artistiċi u kollaborazzjonijiet internazzjonali;

Kapaċità li jikkomunika bil-Malti u bl-Ingliż.

Kwalitajiet Personali

Il-kandidat magħżul għandu juri:

Tmexxija artistika li tispira;

Standards mużikali eċċezzjonali;

Ħiliet eċċellenti ta' komunikazzjoni u relazzjonijiet interpersonali;

Ħsieb strateġiku u kapaċità għall-innovazzjoni;

Kapaċitajiet sodi ta' organizzazzjoni u ppjanar;

Professjonalità, integrità u affidabbiltà;

Kapaċità li jibni relazzjonijiet ta' xogħol pożittivi mat-timijiet artistiċi u amministrattivi;

Kunfidenza biex jippreżenta ideat artistiċi lill-bordijiet, lill-partijiet interessati u lill-udjenzi;

Extensive knowledge of national and international choral repertoire;

Professional experience in musical and choral fields;

Excellent musical preparation skills across major European languages.

Desirable Experience

The following will be considered an asset:

Experience working within professional opera houses or major theatres;

International touring and recording experience;

Commissioning and programming new choral works;

Working with professional vocal ensembles;

Festival programming and artistic planning;

Arts management or strategic artistic leadership experience;

Experience securing artistic partnerships and international collaborations;

Can communicate in Maltese and English.

Personal Attributes

The successful candidate will demonstrate:

Inspirational artistic leadership;

Exceptional musical standards;

Excellent communication and interpersonal skills;

Strategic thinking and innovation;

Strong organisational and planning abilities;

Professionalism, integrity and reliability;

Ability to build positive working relationships across artistic and administrative teams;

Confidence presenting artistic ideas to boards, stakeholders and audiences;

Flessibbiltà biex jaħdem filgħaxijiet u fi tmiem il-ġimgħa, kif ukoll biex jivvjaġġa fuq tours internazzjonali skont il-ħtieġa.

Kundizzjonijiet tax-Xogħol

Il-kandidat magħżul ikun meħtieġ jirrisjedi Malta għat-tul tal-kuntratt;

KorMalta ma jipprovdix assistenza għar-rilokazzjoni;

Il-kariga hija offruta permezz ta' kuntratt ta' servizz fuq bażi full-time, bi flessibbiltà skont il-provi, il-wirjiet, it-tours u l-impenji artistiċi;

Il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' 12-il xahar, b'evalwazzjoni formali tal-prestazzjoni wara sitt xhur.

Proċess tal-Applikazzjoni

L-applikanti huma mitluba jissottomettu:

Curriculum Vitae;

Ittra ta' motivazzjoni (ta' mhux aktar minn żewġ paġni A4) li tispjega kif l-esperjenza u l-viżjoni tagħhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-kariga;

Dikjarazzjoni tal-Viżjoni Artistika (ta' mhux aktar minn 500 kelma) li tiddeskrivi l-viżjoni tagħhom għal KorMalta matul it-tliet snin li ġejjin;

Abbozz tal-istruttura operattiva ideali proposta għal KorMalta, flimkien ma' ideat għal programm artistiku għall-istaġun 2027-2028;

Portafoll tax-xogħol artistiku mwettaq matul l-aħħar tliet snin, inklużi links għal mhux aktar minn tliet reġistrazzjonijiet.

L-applikanti magħżula fil-lista qasira jistgħu jiġu mistiedna għal intervista, biex jippreżentaw il-viżjoni artistika tagħhom u biex jagħmlu evalwazzjoni prattika bħala parti mill-proċess tal-għażla.

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sat-Tnejn, 31 ta' Awwissu, 2026, f'nofsinhar.

NAPA hija impenjata li tiżgura opportunitajiet indaqs u tilqa' applikazzjonijiet minn kandidati ta' kull sfond. L-għażla ssir biss abbażi tal-mertu, il-kwalifiki, l-esperjenza professjonali u l-kapaċità li wieħed iwettaq ir-responsabbiltajiet tal-kariga. Din il-kariga hija fuq bażi ta' kuntratt ta' servizz, u l-applikanti għandu jkollhom numru tal-VAT validu u l-permessi meħtieġa biex jipprovdu servizzi bħala persuni li jaħdmu għal rashom f'Malta.

L-14 ta' Awwissu, 2026

Flexibility to work evenings, weekends and tour internationally as required.

Working Conditions

The successful candidate will be required to reside in Malta for the duration of the contract;

KorMalta does not provide relocation assistance;

The position is based on a full time contract for service, with flexibility according to rehearsals, performances, touring and artistic commitments;

The appointment is subject to a 12-month probationary period, with a formal performance review after six months.

Application Process

Applicants are requested to submit:

A Curriculum Vitae;

A covering letter (maximum two A4 pages) explaining how their experience and vision meet the requirements of the role;

An Artistic Vision Statement (maximum 500 words) outlining their vision for KorMalta over the next three years;

A proposed skeletal of the ideal operational structure of KorMalta and ideas for an artistic programme for the 2027-2028 season;

A portfolio of artistic work undertaken during the past three years, including links to a maximum of three recordings.

Shortlisted applicants may be invited to interview, present their artistic vision and undertake a practical assessment as part of the selection process.

Applications will be accepted until Monday, 31st August, 2026, at noon.

NAPA is committed to equal opportunities and welcomes applications from candidates of all backgrounds. Selection will be based solely on merit, qualifications, professional experience and the ability to fulfil the responsibilities of the post. This is a contract for service and applicants must have a valid VAT number and the necessary permits to offer self-employed services in Malta.

14th August, 2026

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

Sejħa għall-Espressjoni ta' Interess fil-Provvediment ta' Servizzi bħala Promotur tal-Litteriżmu, Riżorsi tal-Litteriżmu bl-Isports (Għawdex)

Espressjoni ta' Interess (Ref. 26/199)

Introduzzjoni

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu tistieden persuni kwalifikati li jixtiequ joffru s-servizzi tagħhom bħala Promoturi tal-Litteriżmu, Riżorsi tal-Litterizmu bl-Isports (Għawdex) biex jesprimu l-interess tagħhom li jipprovdu dan is-servizz.

Responsabbiltajiet

It-talba għas-Servizz qed issir fuq bażi ta' kuntratt għal servizz, għal sa massimu ta' 10 sigħat fil-ġimgħa. Il-kumpens huwa stabbilit għal €14.82 fis-siegħa (eskluża l-VAT), wara s-sottomissjoni ta' timesheet mimlija kif ukoll il-fattura rilevanti. Se tkun meħtieġa riċevuta tal-ħlas ladarba l-ħlas ikun sar. L-applikanti għandhom ikunu disponibbli għal mill-inqas tlett ijiem tax-xogħol, bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa, bejn is-1.30 p.m. u l-4.30 p.m., matul il-kuntratt.

Id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tal-kandidati magħżula għandhom jinkludu:

l-ippjanar, it-tħejjija, l-organizzazzjoni u t-twassil ta' firxa varjata ta' attivitajiet u programmi sportivi biex jittejjeb il-litteriżmu permezz ta' dawn l-attivitajiet għal tfal ta' bejn is-6 u t-13-il sena;

it-twaqqif, il-ġestjoni u s-superviżjoni tal-apparat sportiv kollu meħtieġ għall-attivitajiet;

l-iżgurar ta' ambjent sigur għall-parteċipanti kollha waqt l-attivitajiet sportivi;

ir-rappurtar lill-Kap Eżekuttiv jew id-delegat tiegħu/tagħha dwar kwalunkwe inċident, aċċident, jew ħsara jew falliment ta' tagħmir;

l-iżgurar tas-sigurtà taż-żoni kollha użati għall-attivitajiet sportivi permezz ta' superviżjoni u għeluq taż-żoni u tagħmir fejn applikabbli;

il-kordinazzjoni mar-Rwoli tar-Riżorsi tal-Litteriżmu fit-tħejjija, l-organizzazzjoni u t-twassil tal-attivitajiet sportivi kollha;

l-interazzjoni mar-Rwoli tar-Riżorsi tal-Litteriżmu, għalliema, studenti u staff tal-iskola b'mod professjonali;

NATIONAL LITERACY AGENCY

Call for Expression of Interest for the Services of Resource Leader, Enhancing Literacy Through Sports (Gozo)

Expression of Interest (Ref. 26/199)

Introduction

The National Literacy Agency invites qualified individuals who wish to offer their services as Resource Leader, Enhancing Literacy through Sports, offering their service in Gozo to express their interest in providing this service.

Duties and Responsibilities

The service is being requested on a contract-for-service basis, for up to 10 hours per week. Remuneration is set at €14.82 per hour (exclusive of VAT), upon submission of a completed timesheet together with the relevant invoice. A receipt of payment will be required once payment has been affected. Applicants must be available on at least three working days, Monday to Friday, between 1.30 p.m. and 4.30 p.m., for the duration of the contract.

The duties and responsibilities of the selected candidates shall include:

planning, preparing, organising and delivering a varied range of sport activities and programmes to enhance literacy through these activities for 6 to 13 year olds;

setting up, managing and supervising all sport equipment needed for the activities;

ensuring a safe environment for all participants during the sport activities;

reporting to the CEO or his/her delegate any incidents, accidents or equipment failure or damage;

ensuring the security of all areas utilised for the sport activities through supervision and locking up of areas and equipment where applicable;

liaising with the Literacy Resource Leaders in the preparation, organisation and delivery of all sport activities;

interacting with Literacy Resource Leaders, teachers, pupils and school staff in a professional manner;

l-assistenza fl-identifikazzjoni tal-aqwa studenti li jibbenefikaw l-iktar mill-attivitajiet u/jew programmi sportivi ta' 'Enhancing through Literacy';

il-kordinazzjoni mas-SMTs u/jew il-ġestjoni ta' kumplessi sportivi/klabbs dwar l-użu tal-postijiet għall-attivitajiet u/jew programmi tal-ELS;

li jkollhom għarfien dwar kif jittrattaw ma' tfal u adulti li għandhom diffikultajiet fil-litteriżmu u/jew li ma jħobbux jaqraw;

l-iżvilupp ta' approċċ ibbażat fuq it-tim għall-iżvilupp tal-ħiliet tal-litteriżmu;

permezz ta' approċċ ibbażat fuq it-tim, il-kontribut għal programmi differenzjati u l-evalwazzjoni tal-livelli tal-litteriżmu;

permezz ta' approċċ ibbażat fuq it-tim, il-kontribut għall-formulazzjoni ta' programmi u attivitajiet tal-ELS skont l-esiġenzi tal-Aġenzija;

iż-żamma ta' relazzjoni ta' kollaborazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti sabiex jiġi żgurat li jiġu pprovduti servizzi/inizjattivi ta' kwalità u f'waqthom;

iż-żamma ta' rekords regolari, profili u statistika kif meħtieġ;

il-produzzjoni ta' riżorsi edukattivi bilingwi (bil-Malti u/jew bl-Ingliż) bħal preżentazzjonijiet, għodod ta' tgħallim u tagħlim u tool kits;

il-kontribut għal ambjenti rikki fil-litteriżmu fl-Iskejjel Primarji u Medji permezz tal-implimentazzjoni ta' skemi/materjal ta' qari li jappoġġjaw lit-tfal f'livelli differenti ta' kisba fil-qari;

it-tħejjija u s-sottomissjoni ta' rapporti preċiżi u f'waqthom lill-awtoritajiet rilevanti taħt id-direzzjoni tal-Kap Eżekuttiv u/jew id-delegat tiegħu/tagħha.

Spejjeż

L-ispejjeż kollha sostnuti mill-parteċipanti fir-rigward ta' din l-Espressjoni ta' Interess (Ref. 26/199) għandhom jiġu koperti esklussivament mill-parteċipanti stess. L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu mhix responsabbli u mhi se tkopri l-ebda spiża jew telf sostnut mill-parteċipanti b'rabta ma' kwalunkwe aspett ta' din l-Espressjoni ta' Interess.

Ħtiġiet għas-Sottomissjoni

L-applikanti għandhom jippreżentaw l-espressjoni ta' interess tagħhom, flimkien ma' ġabra tal-kwalifiki miksuba

assisting in the identification of the best pupils who would most benefit from Enhancing through Literacy sports activities and/or programmes;

liaising with SMTs and/or Sports complex/clubs management about use of premises for the ELS activities and/or programmes;

being knowledgeable about how to deal with children and adults who have literacy difficulties and/or are reluctant readers;

developing a team-based approach to the development of literacy skills;

through a team-based approach, contributing to differentiated programmes and evaluating literacy levels.

through a team-based approach, contributing to the formulation of ELS programmes and activities according to the exigencies of the Agency;

maintaining a collaborative working relationship with the relevant stakeholders to ensure that quality and timely services/initiatives are provided;

keeping regular records, profiles and statistics as necessary;

producing bilingual (Maltese and/or English) educational resources such as presentations, teaching and learning aids and tool kits;

contributing to literacy-rich environments in Primary and Middle Schools through the implementation of reading schemes/materials which support children at different levels of reading attainment;

preparing and submitting accurate and timely reports to relevant authorities under the direction of the CEO and/or his/her delegate.

Costs

All costs incurred by participants in relation to this Expression of Interest (Ref. 26/199) must be covered exclusively by the participants themselves. The National Literacy Agency shall not be responsible for or cover any expenses or losses incurred by participants in connection with any aspect of this Expression of Interest.

Submission Requirements

Candidates must submit their expression of interest along with a portfolio of their qualifications, presented in

f'format tal-Europass Curriculum Vitae u kopja taċ-ċertifikati rilevanti tagħhom.

Kriterji ta' Eliġibbiltà

Kwalifika ta' coaching minn organizzazzjoni sportiva rreġistrata u rikonoxxuta minn Sport Malta;

Mill-inqas ħames (5) snin esperjenza ta' coaching fil-futbol;

Mill-inqas 10 snin esperjenza fil-futbol.

L-applikanti għandhom ikunu fil-pussess ta' Matsec jew 'O' Levels (Gradi 1-5) bil-Malti, bl-Ingliż u l-Matematika, u suġġett ieħor, preferibbilment suġġett xjentifiku, jew kwalifiki ekwivalenti;

Kompetenza fl-applikazzjonijiet tal-IT fil-Livell ECDL speċjalment Word u email, jew ekwivalenti;

Fluwenza bil-Malti u bl-Ingliż, mitkellma u miktuba;

Ċertifikat ta' kors ta' First Aid. Kandidati li ma jkunux fil-pussess ta' dan iċ-ċertifikat se jiġu kkunsidrati wkoll, iżda jkollhom jattendu kors ta' First Aid fi żmien sena minn meta jibdew;

L-applikanti li għandhom B.Sc fil-Isport, Eżerċizzju u Saħħa (Livell 6) jew Diploma Avvanzata fl-Isport (Livell 4) jew kwalifika komparabbli ekwivalenti se jingħataw preferenza;

Esperjenza preċedenti fit-twassil tal-programm 'Footballers' Read and Write' jew programmi sportivi/edukattivi oħra se tittieħed inkunsiderazzjoni.

L-applikanti jkollhom jattendu intervista.

Ftehim

Din l-Espressjoni ta' Interess hija valida għal tliet (3) snin mid-data tal-ħruġ tagħha u se tibqa' miftuħa matul il-perjodu ta' validità, għal kwalunkwe Operatur Ekonomiku li jissodisfa l-kriterji ta' għażla, billi jiġu kkunsidrati applikazzjonijiet ġodda kull 6 xhur. Kull Operatur Ekonomiku se jiġi offrut kuntratt ta' sena li jista' jiġi mġedded kull sena għal tliet snin skont din l-Espressjoni ta' Interess bl-istess rata kkwotata fis-sottomissjoni.

Biex l-applikazzjoni tiġi kkunsidrata mal-ewwel sett ta' applikazzjonijiet, sottomissjonijiet diġitali li jinkludu sommarju tal-kwalifiki u esperjenza f'format ta' Europass Curriculum Vitae, flimkien ma' kopja taċ-ċertifikati skennjati rilevanti, għandhom jintbagħtu lil Sur Daniel Cini fuq (daniel.cini.5@ilearn.edu.mt) mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa, 11 ta' Settembru, 2026, sa nofsinhar.

the Europass Curriculum Vitae format, along with copies of their relevant certificates.

Eligibility Criteria

Any coaching qualification by a registered sport organisation recognised by Sport Malta;

At least 5 years coaching experience in football;

At least 10 years' experience in footbal;

Applicants must be in possession of Matsec or 'O' Levels (Grades 1-5) in Maltese, English and Maths, and another subject, preferably a science subject, or equivalent qualifications;

Competency in IT applications at ECDL Level especially Word and email, or equivalent;

Fluency in Maltese and English, spoken and written;

Hold a First Aid certificate course. Candidates who do not possess this certificate will be also considered but they will have to undertake a First Aid course within one year of engagement;

Applicants with a B. Sc in Sport, Exercise and Health (Level 6) or Advanced Diploma in Sports (Level 4) or an equivalent comparable qualification will be given preference;

Prior experience delivering the 'Footballers' Read and Write Programme' or other sports/educational programmes will be taken into consideration.

Applicants will be required to sit for an interview.

Agreement

This Expression of Interest is valid for three (3) years from its issue date and will remain open throughout its validity period for any Economic Operator who meets the selection criteria. New applications may be considered every six months. Each Economic Operator will be offered a one-year contract, which may be renewed annually for up to three years under the same rate quoted in the submission.

To be considered with the first set of applications, digital submissions including a summary of qualifications and experience in a Europass Curriculum Vitae format and a copy of their relevant scanned certificates must be sent to Mr Daniel Cini (daniel.cini.5@ilearn.edu.mt) no later than Friday, 11th September, 2026, at noon.

Għal kull sottomissjoni riċevuta, l-Aġenzija se toħroġ ittra ta' konferma elettronika.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb permezz ta' ittra elettronika lil (daniel.cini.5@ilearn.edu.mt) jew bin-numru tat-telefown 2598 2993.

L-14 ta' Awwissu, 2026

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

Sejħa għal Senior Resource Leader (Part-time), Sessjonijiet tal-Qari u l-Irrakkontar tal-Istejjer, mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

Numru tal-Permess tal-Jobsplus 477/2026 (it-tieni sejħa)

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qiegħda tilqa' applikazzjonijiet għal Senior Resource Leader, Sessjonijiet tal-Qari u l-Irrakkontar tal-Istejjer (part-time)

Sad-data tal-għeluq ta' din is-sejħa l-applikanti jrid ikollhom dawn ir-rekwiżiti:

1. Kwalifika universitarja rikonoxxuta ta' għalliem/a ta' Livell 6 tal-MQF, jew ekwivalenti, jew ogħla; U

2. Ċertifikati fil-Livell 3 tal-MQF fil-Malti u fl-Ingliż, jiġifieri SEC (Gradi 1 sa 5) jew ekwivalenti, jew ogħla; U

3. Tal-anqas tliet (3) snin esperjenza fis-settur primarju; U

4. Temmew b'suċċess kwalunkwe kors fi prattiki effettivi tal-litteriżmu (bħal qari flimkien u/jew qari gwidat, rakkontar tal-istejjer, litteriżmu bilanċjat).

Esperjenza fil-mentoring u/jew fil-maniġment u/jew fil-kordinazzjoni jiġu kkunsidrati kif xieraq waqt il-proċess tal-għażla.

Aktar dettalji dwar ir-rwol u l-kundizzjonijiet tal-impjieg, kif ukoll aċċess għall-applikazzjoni, jistgħu jinkisbu minn (https://nla.gov.mt/mt/sejhiet/). Aktar informazzjoni tista' tinkiseb permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) jew bin-numru tat-telefown 2598 3325.

L-ittra tal-applikazzjoni għandha tittella' online flimkien mal-ġabra tal-kwalifiki u l-esperjenzi fil-format tal-European Curriculum Vitae, kopja taċ-ċertifikati rilevanti, u l-lista tax-xogħol maħruġa mill-Jobsplus sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 28 ta' Awwissu, 2026, f'nofsinhar. Jintalab ukoll iċ-ċertifikat tal-kondotta.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Is-14 ta' Awwissu, 2026

For every submission received, the Agency will issue an electronic confirmation letter.

Further information may be obtained by email to (daniel.cini.5@ilearn.edu.mt) or by telephone number 2598 2993.

14th August, 2026

NATIONAL LITERACY AGENCY


DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By order of the Court of Appeal delivered on the 20th October, 2025, in the records of Application number 357/2025 in the names Alexander de Mercur (British passport number. 56091278) et vs Gabriel de Mercur (British passport number HM615907) the following publication was ordered to serve as a notification of the notice of hearing in regard to the said Gabriel de Mercur pursuant to section 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a decree of the Court of Appeal of the 19th May, 2026, regarding the Notice of hearing of a cause issued by the Registry of the Superior Courts for this cause and since the written procedures before the Court of Appeal in the cause in the names above mentioned have been closed, the Court fixed the hearing of this cause for the 15th June, 2026, and deferred to the 9th November, 2026, at 9.30 a.m.

Notification: Gabriel de Mercur, Hacienda, Flat 6, Triq Nathalie Poutiatin Tabone, Tas-Sliema SLM 1870

Registry of the Superior Courts (Appeals), this day 4th August, 2026

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2077

Permezz tad-digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), fid-19 ta' Jannar, 2026, fl-Atti tar-Rikors 183/2025LM fl-ismijiet Emmanuel Ebunoluwa Salami (B507077720) vs Z.Y.A. Associates Ltd (C84390) u Nigel Portelli (ID 0297501L), ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Emmanuel Ebunoluwa Salami a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 183/2025LM ippreżentat fit-2 ta' Diċembru, 2025, fl-ismijiet premessi, l-appellant ħass ruħu aggravat bis-sentenza tat-13 ta' Novembru, 2025, mill-Panel tal-Arbitraġġ għall-Kirjiet Residenzjali Privat abbażi tal-aggravju illi d-Deċiżjoni hija 'ultra vires'.

Għaldaqstant, l-appellant jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti li għoġobha tilqa' l-aggravju tal-appellant u

By means of a decree delivered on the 19th January, 2026, by the Court of Appeal (inferior Jurisdiction), in the records of Application number 183/2025LM in the names Emmanuel Ebunoluwa Salami (B507077720) vs Z.Y.A. Associates Ltd (C84390) and Nigel Portelli (ID 0297501L), the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Emmanuel Ebunoluwa Salami in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Whereas Appeal application number 183/2025LM filed on the 2nd December, 2025, in the names premised, the appellant felt aggrieved by the judgment pronounced on the 13th November, 2025, by the Adjudicating Panel for Private Residential Leases on the ground that the Decision is 'ultra vires'.

Therefore the appellant respectfully requests this Honourable Court to uphold this ground of appeal and

1. Tirrevoka d-deċiżjoni mogħtija mill-Panel tal-Arbitraġġ għal Kirjiet Residenzjali Privati tat-13 ta' Novembru, 2025;

2. Tikkonferma illi l-appellant Nigel Portelli għan-nom u inrappreżentanza ta' Z.Y.A. Associates Ltd jista' jżomm id-depożitu kollu;

3. Tordna illi l-ispejjeż kollha jkunu a kariku tal-appellat, inklużi l-ispejjeż ta' dan l-appell.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 183/2025LM fl-ismijiet hawn fuq imsemmija huwa ddifferit għat-30 ta' Settembru, 2026, fl-10.10 a.m.

Notifika: Emmanuel E Salami, 161, Flat 1, Dar il-Fajhana, Triq is-Swieqi, Is-Swieqi

Reġistru tal-Qrati Inferjuri (Appelli), illum 5 ta' Awwissu, 2026

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

1. Revoke the decision pronounced by the Adjudicating Panel for Private Residential Leases dated 13th November, 2025;

2. Confirm that the appellant Nigel Portelli on behalf and in representation of Z.Y.A. Associates Ltd can retain all the deposit;

3. Order that all the costs be borne by the respondent, including the costs of this appeal.

Application number 183/2025LM in the names above-mentioned is deferred to the 30th September, 2026, at 10.10 a.m.

Notification: Emmanuel E Salami, 161, Flat 1, Fajhana House, Triq is-Swieqi, Swieqi

Registry of the Inferior Courts (Appeals), this day the 5th August, 2026

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2078

Permezz tad-digriet mogħti, mill-Qorti Kostituzzjonali, fl-1 ta' Ġunju, 2026, fl-Atti tar-Rikors numru 273/2024, fl-ismijiet Theresa sive Tessie Xuereb (ID 849648M) et vs l-Avukat tal-Istat, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Alfred Galea a tenur tal-Artikolu 187 (3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 273/2024 ippreżentat fis-17 ta' Marzu, 2026, fl-ismijiet premessi, l-appellanti ħassewhom aggravati minn din is-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti deċiża fit-18 ta' Frar, 2026, u għalhekk qegħdin jinterponu dan l-umli appell abbażi tas-segwenti aggravji:

1. Illi l-interess ġuridiku ta' Therese Xuereb u Rosemarie Dalli ma ntilifx bid-donazzjoni;

2. Illi l-appellanti Tessie Xuereb u Rosemarie Dalli tabilħaqq taw il-fond inkwistjoni b'donazzjoni lil Reuben Dalli u Graziella Arena Dalli, iżda mhux talli ma rrinunzjawx għad-drittijiet spettanti lilhom għall-kumpens, talli espressament irriżervaw id-drittijiet tal-użufrutt fuq il-fond u fil-fatt għadhom sal-lum jirċievu l-kera mingħand l-inkwilini; u

3. Illi l-konklużjoni lamentata tal-Ewwel Onorabbli Qorti hija extra petita għall-eċċezzjoni li bbażat fuqha.

Għaldaqstant, l-appellanti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza

By means of a decree delivered on the 1st June, 2026, by the Constitutional Court in the records of Application number 273/2024 in the names Theresa sive Tessie Xuereb (ID 849648M) et vs State Advocate et, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Alfred Galea in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta.

By means of Appeal Application number 273/2024 filed on the 17th March, 2026, in the names premised, the appellants felt aggrieved by this judgment of the Honourable First Court decided on the 18th February, 2026, and are thus filing this humble appeal on the basis of the following grounds:

1. That the legal interest of Therese Xuereb and Rosemarie Dalli was not lost by the donation;

2. That the appellants Tessie Xuereb and Rosemarie Dalli indeed donated the premises in question to Reuben Dalli and Graziella Arena Dalli, but not only did they not renounce the rights due to them for compensation, but they expressly reserved the rights of usufruct on the premises and in fact they still receive rent from the lessees till this day; and

3. That the lamented conclusion of the Honourable First Court is extra petita the plea it is based on.

Therefore, the appellants humbly ask this Honourable Court to cancel and revoke the judgment of the First Hall

tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili Sede Kostituzzjonali tat-18 ta' Frar, 2026, u filwaqt li tiddikjara li Theresa Xuereb u Rosemarie Dalli huma leġittimi kontradituri fil-proċeduri odjerni, tilqa' t-talbiet imressqa minnhom quddiem l-ewwel qorti u tiddikjara leżjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom u tgħaddi biex tagħtihom kumpens għad-danni pekunjarji u mhux pekunjarji, jew, alternattivament tibgħat lura l-atti lill-ewwel qorti sabiex tiddeċiedi hi dwar t-talbiet kif imressqa quddiemha.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimati jew min minnhom.

L-Att Ġuramentat 273/2024, fl-ismijiet premessi huwa differit għall-5 ta' Ottubru, 2026, fit-8.30 a.m.

Notifika: Alfred Galea, 290, Flat 4, Triq Manwel Dimech, Tas-Sliema

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 15 ta' Lulju, 2026

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Civil Court, Constitutional jurisdiction, pronounced on the 18th February, 2026, and whilst declaring that Theresa Xuereb and Rosemarie Dalli are legitimate defendants in the present proceedings, uphold the claims brought by them before the First Court and declare a violation of their fundamental rights and pass on to compensate them for pecuniary and non-pecuniary damages, or, alternatively send back the record of the proceedings to the first court to rule on the claims as brought before it.

With costs of both instances against the respondents or either of them.

Appeal Application number 273/2024, in the above mentioned names is deferred to the 5th October, 2026, at 8.30 a.m.

Notification: Alfred Galea, 290, Flat 4, Triq Manwel Dimech, Tas-Sliema

Registry of the Superior Courts, this day 15th July, 2026

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2079

Permezz tad-digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri), fis-7 ta' Lulju, 2026, fl-atti tar-Rikors 1211/2013 fl-ismijiet George Catania (KI 95963M) u Maria Catania (ID 618064M) f'isimhom proprju u f'isem u fl-interess tas-soċjetà Tarcam Company Limited (C16852) vs Martin Cachia (KI 235859M) u Liberty Fishing Co. Limited (C40845) u b'digriet mogħti nhar it-22 ta' Settembru, 2021, fil-Qorti ordnat li l-atti tal-kawża fil-konfront ta' Martin Cachia jiġu trasfużi f'isem Elena Cachia, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Liberty Fishing Co. Limited u Elena Cachia a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 1211/2013 ippreżentat fit-13 ta' Marzu, 2026, fl-ismijiet premessi, l-esponenti appellanti George Catania et, ħassewhom aggravati bis-sentenza datata fit-12 ta' Frar, 2026, fejn qatgħet u ddeċidiet il-kawża billi laqgħet ir-risposta tal-intimati filwaqt illi ċaħdet it-talbiet kollha rimanenti tar-rikorrenti u għalhekk qed jinterponu dan l-umli appell quddiem din l-Onorabbli Qorti abbażi ta' dawn l-aggravji:

1. Interpretazzjoni żbaljata tal-Artikoli 1942 u 1948 tal-Kodiċi Ċivili;

2. Nuqqas ta' apprezzament tal-obbligi kuntrattwali;

3. Applikazzjoni żbaljata tal-oneru tal-prova;

By means of a decree dated 7th July, 2026, delivered by the Court of Appeal (Superior Jurisdiction) in the records of Application number 1211/2013 in the names George Catania (ID 95963M) and Maria Catania (ID 618064M) in their own names and in the name and on behalf of Tarcam company Limited (C16852) vs Martin Cachia (ID 235859M) and Liberty Fishing Co. Limited (C40845) and by means of a decree given on the 22nd September, 2021, the Court ordered that the records of the cause against Martin Cachia be transferred onto the name of Elena Cachia, the following publication was ordered for the purpose of service of the Liberty Fishing Co. Limited and Elena Cachia in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta.

By means of Appeal application number 1211/2013 filed on the 13th March, 2026, in the names premised, the applicant appellant George Catania et, felt aggrieved by the judgment dated 12th February, 2026, whereby it decided the cause by upholding the respondents' reply whilst dismissing all the remaining demands of the applicants and is thus filing this humble appeal before this Honourable Court on the basis of the following grounds:

1. An erroneous interpretation Articles 1942 and 1948 of the Civil Code;

2. Lack of consideration of the contractual obligations;

3. An incorrect application of the burden of proof;

4. Żviluppi meritorji u provi ġodda ta' ħlas;

5. Dwar il-ħlas tal-ispejjeż tal-kawża.

Għaldaqstant, l-appellanti, jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata, mogħtija mill-Prim'Awla, Qorti Ċivili tat-12 ta' Frar, 2026, billi tikkonferma li kien hemm ksur ta' obbligi kuntrattwali daparti tal-appellati. Għalhekk tikkonferma u tilqa' l-ewwel talba filwaqt li tirrevoka, tħassar, u tannulla dik il-parti fejn ċaħdet it-tieni, it-tielet, ir-raba', u l-ħames talba u konsegwentement tilqa' l-istess talbiet tal-atturi appellanti.

Notifika: Liberty Fishing Co. Ltd, 57, Triq Sant'Antnin, Marsaskala

Elena Cachia, 238, Casa Martina, Triq l-Imħallef William Harding, Pembroke

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli), illum 4 ta' Awwissu, 2026

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

4. Meritorious developments and new proof of payment;

5. The payment of the costs of the proceedings.

Therefore, the appellants respectfully request this Honourable Court to reform the appealed judgment, pronounced by the First Hall Civil Court on the 12th February, 2026, by confirming that there was a breach of contractual obligations on the part of the respondents. Thus it confirms and upholds the first demand whilst revoking, cancelling, and annulling that part wherein it dismissed the second, third, fourth, and fifth demand and consequently uphold the same demands of the appellant plaintiffs.

Notification: Liberty Fishing Co. Ltd, 57, Triq Sant'Antnin, Marsaskala

Elena Cachia, 238, Casa Martina, Triq l-Imħallef William Harding, Pembroke

Registry of the Superior Courts (Appeals), this day, 4th August, 2026

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2080

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Mejju, 2026, fl-atti tar-Rikors numru 279/24 fl-ismijiet Mariella Micallef (KI 587077M) u oħtha Sandra Micallef (KI 558080M) vs l-Avukat tal-Istat u James McKay (KI 155278M) ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika ta' avviż tas-smigħ fil-konfront tal-imsemmija James McKay a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Appell tat-18 ta' Frar, 2026, għar-rigward tal-Avviż ta' Smigħ ta' kawża maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri għal din il-kawża u billi ngħalqu l-proċeduri bil-miktub quddiem il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet fuq msemmija, il-Qorti ffissat is-smigħ ta' din il-kawża għal nhar l-4 ta' Mejju, 2026, u ddifferita għad-19 ta' Ottubru, 2026, fid-9.10 a.m.

Notifika: James Mkay, 134 St Catherine, Flat 2, Triq il-Magna tas-Serrar, L-Imsida

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Kostituzzjonali), illum 11 ta' Awwissu, 2026

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By order of the Court of Appeal given on the 25th May, 2026, in the records of Application number 279/24 in the names Mariella Micallef (ID 587077M) and her sister Sandra Micallef (ID 558080M) vs the Attorney General and James McKay (ID 155278M) the following publication was ordered to serve as a notification of the notice of hearing in regard to the said James McKay pursuant to section 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a decree of the Court of Appeal of the 18th February, 2026, regarding the Notice of hearing of a cause issued by the Registry Superior Courts for this cause and since the written procedures before the Constitutional Court in the cause in the names above mentioned have been closed, the Court fixed the hearing of this cause for the 4th May, 2026, and deferred to 19th October, 2026, at 9.10 a.m.

Notification: James Mkay, 134 St Catherine, Flat 2, Triq il-Magna tas-Serrar, Msida

Registry of the Superior Courts (Constitutional), this day 11th August, 2026

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2081

Permezz tad-digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), fit-8 ta' Lulju, 2026, fl-Atti tar-Rikors 29/26 fl-ismijiet Sam Zerafa (KI 109887M) vs l-Awtorità tal-Ippjanar u l-kjamata in kawża Dott. Caroline Gatt (KI 192780M) , ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront Caroline Gatt a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 29/26 ippreżentat fl-20 ta' April, 2026, fl-ismijiet premessi, l-esponent appellanti Sam Zerafa, ħass ruħu aggravat mis-sentenza datata fis-7 ta' April, 2026, u għalhekk qed jinterponi dan l-umli appell quddiem din l-Onorabbli Qorti abbażi ta' dan l-aggravju: Illi d-deċiżjoni appellata hija vvizzjata bi żball manifest ta' liġi għaliex it-Tribunal, meta ġie sabiex jiddetermina l-permissibbiltà fil-prinċipju tal-użu propost ta' Klassi 4D fis-sit odjern, ma applikax il-qafas normattiv rilevanti kif jinsab fil-Grand Harbour Local Plan u fil-policies applikabbli, iżda ssostitwixxa dak il-qafas bi kriterji oħrajn mhux espressi fih, u b'hekk wasal għal assessjar tal-mertu li huwa ġuridikament żbaljat.

Għaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tilqa' dan l-appell, tannulla u tħassar id-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tas-7 ta' April, 2026, fl-Appell numru 265/25JB u tagħti kull provvediment ieħor li jidhrilha xieraq u opportun skont il-liġi. Bl-ispejjeż kontra l-Awtorità appellata.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 29/26 fl-ismijiet hawn fuq imsemmija huwa differit għas-16 ta' Novembru, 2026, fid-9.00 a.m.

Notifika: Dott. Caroline Gatt, 12, Triq Felič, Bormla
14, Triq San Nikola, Iż-Żurrieq

Reġistru tal-Qrati Inferjuri (Appelli), illum 27 ta' Lulju, 2026

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree delivered on the 8th July, 2026, by the Court of Appeal (Inferior jurisdiction) in the records of Application number 29/26 in the names Sam Zerafa (ID 109887M) vs the Planning Authority and party called in suit Dr Caroline Gatt (ID 192780M), the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the Caroline Gatt in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta.

By means of the application of Appeal Number 29/26 filed on the 20th April, 2026, in the names premised, the appellant Sam Zerafa, felt aggrieved by the judgment dated 7th April, 2026, and is thus filing this appeal before this Honourable Court on the following ground: The appealed decision is vitiated by a manifest error of law because the Tribunal, in determining the permissibility in principle of the proposed use of Class 4D on the present site, it did not apply the relevant normative framework as contained in the Grand Harbour Local Plan and applicable policies, but replaced that framework with other criteria not expressed therein, thus arriving at a legally erroneous substantive assessment.

Therefore, the applicant humbly requests this Honourable Court to uphold this appeal, annul and cancel the decision given by the Environment and Planning Review Tribunal of the 7th April, 2026, in Appeal Application number 265/25JB and give any other provision it deems fit and opportune according to law. With costs against the respondent Authority.

Application Number 29/26 in the names mentioned above is deferred to the 16th November, 2026, at 9.00 a.m.

Notification: Dr Caroline Gatt, 12, Triq Felič, Cospicua
14, Triq San Nikola, Żurrieq

Registry of the Inferior Courts (Appeals), this day 27th July, 2026

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2082

B'digriet mogħti, mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Mejju, 2025, fl-atti tar-Rikors Kostituzzjonali numru 152/2022 fl-ismijiet Owen Axiaq (KI 548890M) f'ismu proprju u bħala mandatarju speċjali tal-assenti Fiorella Marie Drosos (KI 15482M) vs Bon-Bon Company Limited (C-18683), l-Avukat tal-Istat u Victor Azzopardi (ID 711045M) għal kull interess li jista' jkollu, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta'

By means of a decree delivered by the Constitutional Court on the 26th May, 2025, in the records of Constitutional Application Number 152/2022 in the names Owen Axiaq (ID 548890M) in his own name and as special mandatary of the absent Fiorella Marie Drosos (ID 15482 M) vs Bon-on Company Limited (C18683), the State Advocate and Victor Azzopardi (ID 711045M) for any interest he may have, the following publication was ordered for the purpose of

Bon-Bon Company Limited a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell Kostituzzjonali numru 152/2022 ippreżentat fil-11 ta' Novembru, 2024, l-appellant Avukat tal-Istat ħassu aggravat bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fis-6 ta' Novembru, 2024, speċifikament għar-rigward tal-kumpens nonpekunjarju li l-ewwel qorti tat lir-rikorrenti, odjern appellati, liema ammont kien wieħed eżaġerat u jimmerita li jiġi ridott anke skont il-prinċipji stabbiliti fil-ġurisprudenza nostrana. L-appellant mhuwiex qiegħed jikkontesta l-leżjonijiet tal-jeddijiet fundamentali misjuba mill-Ewwel Onorabbli Qorti, u lanqas ma hu jikkontesta li effettivament f'dan il-każ l-isproporzjon fil-kera rċevuta u dik perċepibbli fuq is-suq miftuħ bdiet tinħass mis-sena 2000. L-appellati mkien ma wrew li sofrew xi anzjetà jew niket u għalhekk l-esponent għal kull bon fini jissottometti r-rata ta' €100 għal kull sena mill-2020 'l hawn bħala rata ġusta għal-likwidazzjoni tad-danni nonpekunjarji.

Għaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tirriduċi d-danni nonpekunjarji likwidati favur l-appellati kif spjegat f'dan l-appell filwaqt li tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata.

Notifika: Bon-Bon Company Limited, La Champignon, Triq Dun Ġużepp Aquilina, Is-Siġġiewi

Ir-Rikors numru 152/2022 fl-ismijiet hawn fuq imsemmija jinsab iddifferit għas-seduta tad-19 ta' Ottubru, 2026.

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 4 ta' Awwissu, 2026

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

effecting service on Bon-Bon Company Limited in terms of section 187(3) et sequitur of Cap. 12.

Whereas in Constitutional Appeal Application number 152/2022 filed on the 11th November, 2024, the appellant State Advocate feels aggrieved by the judgment of the First Hall Civil Court delivered on the 6th November, 2024, specifically in regard to the non-pecuniary compensation that the first court awarded to the applicants, present respondents, which amount was exaggerated and deserves to be reduced even according to the principles established in our jurisprudence. The appellant is not contesting the violations of fundamental rights found by the Honourable First Court, nor is he contesting that the disproportion between the rent received and that perceived on the open market effectively began to be felt in this case from the year 2000. The respondents did not show that they suffered any anxiety or sorrow and thus the exponent for all intents and purposes submits the rate of €100 for every year from 2020 onwards as a just rate for the liquidation of the non-pecuniary damages.

Therefore, the appellant humbly requests this Honourable Court to reform the judgment appealed by reducing the liquidated non-pecuniary damages in favour of the respondents as explained in this appeal whilst confirming the rest of the appealed judgment.

Notification: Bon-Bon Company Limited, La Champignon, Triq Dun Ġużepp Aquilina, Siġġiewi

Application number 152/2022 in the above mentioned names is deferred to the sitting of the 19th October, 2026.

Registry of the Courts of Appeal (Superior Jurisdiction), this day, 4th August, 2026

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2083

Ikun jaf kulħadd illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-12 ta' Mejju, 2026 (Rikors numru 54/2026) rikors ta' Pauline Grech et fejn intalbet l-apertura tas-suċċessjoni ta' Maria Annunziata Farrugia, armla ta' Philip Farrugia, bint il-mejtin Paolo Cardona u Maria Anna Cardona née Vella, imwielda r-Rabat, Għawdex, u mietet il-Fontana, Għawdex, fit-3 ta' Novembru, 2024 (KI 14435G), liema apertura ta' suċċessjoni għandha ssir a favur uliedha Pauline Grech (KI 29263G), Joseph Farrugia (KI 34664G), it-Tabib Dott. Frank Farrugia (KI 12066G), Saviour sive Sammy Farrugia (KI 1468G), Mary Anne Zammit (KI 12970G) u Paul Farrugia (KI 4372G), Mark Farrugia (KI 17874G) u George Farrugia

It is hereby notified that by means of an application filed in the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction, on the 12th of May, 2026 (Application number 54/2026) by Pauline Grech et, the opening of the succession was requested of Maria Annunziata Farrugia, widow of Philip Farrugia, daughter of the late Paolo Cardona and Maria Anna Cardona née Vella, born in Victoria, Gozo, and died in Fontana, Gozo on the 3rd November 2024 (ID 14435 G) which opening of succession is to be made in favour of her children Pauline Grech (ID 29263G), Joseph Farrugia (ID 34664G), Doctor Dr Frank Farrugia (ID 12066G), Saviour sive Sammy Farrugia (ID 1468G), Mary Anne Zammit (ID 12970G) and Paul Farrugia (ID 4372G), Mark Farrugia (ID

(KI 14476G) fi kwota ta' ottava parti (1/8) kull wieħed u waħda minnhom, ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa b'dan imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja bix-xhieda ta' Dott. Natalino Caruana De Brincat, Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum ta' Awwissu, 2026

DANIEL SACCO
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

17874G) and George Farrugia (ID 14476G) in quota of one eight part (1/8) each one of them, the issue of these bands was ordered to let know everyone who may have an interest therein.

Therefore, anyone who might have an interest is hereby summoned to appear before the aforementioned Court in order to oppose that request by means of a note within fifteen days which start running from the day of the posting of the banns.

Issued by the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction, with the testimony of Dr Natalino Caruana De Brincat, Doctor of Law, Magistrate of the aforementioned Court.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction

Today the th of August, 2026

DANIEL SACCO
Deputy Registrar, for the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

2084

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-12 ta' Ġunju, 2026, fuq talba ta' Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal ġie ordnat li jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-ġenituri Yulia Andreeva Debattista u Giuseppe Debattista fl-atti tar-rikors numru 11/2026 fl-ismijiet Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi Ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali vs Yulia Andreeva Debattista u Giuseppe Debattista u fl-atti u l-proċeduri l-oħra relattivi jew sussegwenti.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi Ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali vs Yulia Andreeva Debattista (KI 0042822A) u Giuseppe Debattista (KI 0419851M), ippreżentat fid-29 ta' Jannar, 2026, id-Direttorat esponenti qiegħed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tikkonvalida l-ħruġ ta' ordni ta' emerġenza u t-tneħħija tal-minuri … omissis … minn mal-intimati ai termini tal-Artikolu 20(2) tal-Kap. 602;

2. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri f'idejn id-Direttur tad-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) li jkollu

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 12th June, 2026, following a request of a Directorate for Child Protection it was ordered that deputy curators be chosen to represent the parents Yulia Andreeva Debattista and Giuseppe Debattista in the records of the application number 11/2026 in the names Child Protection Directorate within the Foundation for Social Welfare Services vs Yulia Andreeva Debattista and Giuseppe Debattista and in the relative or subsequent acts and procedures.

By means of an application in the names Child Protection Directorate within the Foundation for Social Welfare Services vs Yulia Andreeva Debattista (ID 0042822A) and Giuseppe Debattista (ID 0419851M) filed on the 29th January, 2026, the applicant the Child Protection Directorate is asking this Honourable Court to:

1. Validate the issuing of an emergency order and the removal of the minors … omissis … from the respondents in terms of Article 20 (2) of Cap. 602;

2. Entrust the care and custody of the minors to the Director of the Directorate for Alternative Care (Children

s-setgħa illi jiddelega l-awtorità illi jkunu amministrati deċiżjonijiet rigwardanti l-edukazzjoni u trattamenti mediċi, terapewtiċi u psikjatriċi lil persuna/i ta' fiduċja jew persuna/i li għandhom il-kompitu li jamministraw djar ta' kura alternattiva fejn il-passaport li jappartjeni lil minuri għandu jiġi rilaxxat minnufih fil-pussess ta' dan id-Direttorat;

3. Tordna preliminarjament u ai termini tal-Artikolu 18(3) l-minuri jirrisjedu ġewwa residenza alternattiva li hija liċenzjata u approvata mill-awtorità rispettiva u d-Direttur esponenti skont l-istess Kap. 602;

4. Illi preliminarjament u ai termini tal-Artikolu 18(3), kwalunkwe kuntatt tal-minuri mal-omm u l-missier għandha ssir taħt superviżjoni li għandha tkun regolata mid-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) fejn l-istess Direttorat ikollu l-fakultà illi wara li jeżamina l-benefiċċju għall-minuri minn tali aċċess, jawtorizza li jsir tali kuntatt fejn tali Direttorat għandu jkollu ukoll l-awtorizzazzjoni li jiddetermina, anke pendenti lite, l-metodoloġija ta' kuntatt u jamministra hu s-superviżjoni jew monitoraġġ, fejn id-Direttorat ikollu l-fakultà illi jieħu deċiżjonijiet li jnaqqas, jestendi, jżid, jissospendi, jew jittermina l-aċċess jekk dan ikun ta' ħsara għall-minuri, b'dana li l-aċċess superviżjonat mal-omm għandu jiskatta u jibda wara rakkomandazzjoni ta' Dott. Anthony Zahra u/jew psikjatra oħra li qed isegwi l-omm hekk kif fil-preżent, l-istess professjonisti stqarr li l-omm għandha stat mentali fqir li jista' jkun ta' periklu għal minuri, anka matul aċċess superviżjonat;

5. Tawtorizza lil dan id-Direttorat u/jew id-Direttur tad-Direttorat Kura Alternattiva tamministra kwalunkwe vaċċin u/jew tilqim u proċeduri mediċi li jista' jinkludi amministrazzjoni ta' loppju ġenerali kif ikun rakkomandat minn tobba u professjonisti mediċi;

6. Illi preliminarjament u ai termini tal-Artikolu 18(3), tawtorizza lil ħaddiema soċjali fi ħdan id-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal u/jew id-Direttorat għall-Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) japplika u jagħmel dak kollu neċessarju mad-dipartimenti rispettivi inkluż dak tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin jekk ikun il-każ għall-applikazzjoni u/jew tiġdid tal-passaport tal-minuri mingħajr awtorizzazzjoni u/jew firma tal-omm u l-missier;

7. Tgħaddi sabiex tinnomina avukat tat-Tfal ai termini tal-proviso li jsegwi Artikolu 20(2) tal-Kap. 602, u dan sabiex tipprovdi spjegazzjoni, tipprovdi kull informazzjoni lill-minuri, tassisti u tirrappreżenta l-fehmiet tal-minuri quddiem din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-Artikolu 25 tal-Kap. 602 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Tibgħat l-atti lill-Onorabbli Qorti tal-Minorenni ai termini tal-Artikolu 20(5) liema Qorti qiegħda bir-rispett tiġi mitluba tawtorizza l-ordni għall-ħarsien tal-minuri u tilqa' r-rakkomandazzjonijiet tad-Direttur esponenti kif se

and Youth) who shall have the power to delegate the authority to administer decisions regarding education and medical, therapeutic and psychiatric treatments to a person/s entrusted with the task of administering alternative care homes where the passport belonging to a minors shall be immediately released in the possession of this Directorate;

3. Order prelimanarily and in terms of Article 18 (3) the minors reside in an alternative residence which is licensed and approved by the respective authority and the applicant Director according to the same Cap. 602;

4. That preliminarily and in terms of Article 18 (3), any contact of the minor with the mother and father should be made under supervision which should be regulated by the Directorate for Alternative Care (Children and Youth) where the same Directorate has the faculty that after examining the benefit to the minor from such access, authorise such contact where such Directorate should also have the authorisation to determine, even pendente lite, the methodolgy of contact and to administer supervision or monitoring, whereby the Directorate has the faculty to take decisions to reduce, extend, add, suspend, or terminate access if this is harmful to the minors, provided that supervised access with the mother should be triggered and commenced following the recommendation of Dr Anthony Zahra and/or another psychiatrist following the mother as at present, the same professionals stated that the mother has a poor mental state which can pose a danger to minors, even during supervised access;

5. Authorise this Director of the Directorate for Alternative Care to administer any vaccine and/or vaccines and medical procedures which may include general anaesthetic administration as recommended by doctors and medical professionals;

6. That preliminarily and in terms of Article 18 (3), authorise social workers within the Directorate for Child Protection and/or the Directorate for Alternative Care (Children and Youth) to apply and do everything necessary with the respective departments including that of the Ministry of Foreign Affairs if applicable for the application and/or renewal of the passport of the minor without authorisation and/or signature of the mother and father;

7. Proceed to nominate a children's Advocate in terms of the proviso following Article 20 (2) of Cap. 602, and this in order to provide an explanation, provide any information to the minor, assist and represent the views of the minor before this Honourable Court in terms of Article 25 of Cap. 602 of the Laws of Malta;

8. Send the records to the Honourable Juvenile Court in terms of Article 20 (5) which Court is respectfully being asked to authorise the order for the protection of the minor and uphold the recommendations of the applicant Director

jiġu dedotti fil-pjan ta' ħarsien mill-istess Direttorat, kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti tikkonvalida temporanjament din l-ordni u dan ai termini tal-Artikolu 20(13) tal-Kap. 602;

U dan taħt dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi.

Esponenti: 220, Triq il-Kanun, Santa Venera

Notifika: Direttorat Kura Alternattiva, 36, Triq San Luqa, Gwardamanġa

Yulia Andreevna Debattista, 19, Triq l-Imsida, Birkirkara

Giuseppe Debattista, 19, Triq l-Imsida, Birkirkara

Pulizija Eżekuttiva, St Calcedonius Square, Il-Furjana

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Minorenni (Malta), fuq xhieda tal-Maġistrat Dott. Patrick Valentino, LLD, Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti tal-Maġistrati hawn fuq imsemmi.

Illum 12 ta' Ġunju, 2026

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 13 ta' Awwissu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

as shall be deducted in the plan of protection by the same Directorate, if this Honourable Court provisionally validates this order and this in terms of Article 20 (13) of Cap. 602;

And this under those provisions that this Honourable Court deems fit and opportune in the circumstances.

Applicant: 220, Triq il-Kanun, Santa Venera

Notification: Director of Alternative Care, 36, Triq San Luqa, Gwardamanġa

Yulia Andreevna Debattista, 19, Triq l-Imsida, Birkirkara

Giuseppe Debattista, 19, Triq l-Imsida, Birkirkara

Pulizija Eżekuttiva, St Calcedonius Square, Floriana

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the aforementioned Juvenile Court (Malta) with the witness of Magistrate Dr Patrick Valentino, LLD, Doctor of Laws, Magistrate of the above mentioned Court.

Today 12th June, 2026

Registry of the Magistrates Court (Malta), today 13th August, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

2085

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fl-10 ta' Settembru, 2025, fuq talba ta' John Micallef et ġie ordnat, biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw il-padruni diretti mhux magħrufa fl-atti taċ-ċedola numru1864/2025, fl-

Banns for the Curators

Republic of Malta

To the Marshal of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 10th September, 2025, following a request of John Micallef et it was ordered that deputy curators to represent the unknown direct owners in reccords of the schedule of deposit number

ismijiet John Micallef et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Ċedola ta' depożitu u fidi ta' ċens numru 1864/2025 fl-ismijiet John Micallef, self-employed, miżżewweġ, bin Emanuel Vella u Jane Vella née Bugeja, imwieled Tal-Pietà u residenti San Ġiljan, u li għandu l-karta tal-identità bin-numru 248864M; Joanne Micallef, miżżewġa, bint Alexander Grech u Josephine Grech née Gauci, imwielda Tas-Sliema u residenti San Ġiljan, u li għandha l-karta tal-identità bin-numru 294172M vs Kuraturi Deputati nominati sabiex jirrappreżentaw il-padruni diretti mhux magħrufa, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fl-4 ta' Settembru, 2025, fejn John Micallef u Joanne Micallef jesponu bir-rispett:

Illi permezz tal-kuntratt pubbliku tas-16 ta' Settembru tas-sena elfejn u disgħa (2009) fl-atti tan-Nutar Dott. Mario Bugeja, kopja tal-istess flimkien mal-pjanta relattiva huma hawn annessi u mmarkati bħala Dok. A u Dok. B, l-esponenti John Micallef u Joanne Micallef akkwistaw b'titolu ta' subemfitewsi perpetwa ugwalment bejniethom il-proprjetà numru erbgħa u tletin (34), u l-garaxx anness numru tnejn u tletin (32) fi Triq il-Molletta, Is-Swieqi, limiti ta' San Ġiljan, flimkien jikkonfinaw mit-Tramuntana mal-imsemmija Triq il-Molletta, mill-Punent ma' beni ta' Silvio u Melissa konjuġi Abela, jew l-aventi kawża minnhom, u mil-Lvant ma' beni ta' Gabriel u Veronica Cassar Torreggiani, jew l-aventi kawża minnhom;

Illi l-fond inkwistjoni huwa suġġett għas-subċens annwu u perpetwu ta' mija disgħa u tletin ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€139.76) u dan kif jirriżulta mill-atti annessi ma' din iċ-ċedola bħala Dok. A, Dok. Ċ u Dok. D;

Illi l-esponenti jixtiequ li jipprevalixxu ruħhom mill-fakultajiet mogħtija lilhom taħt l-Artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u jifdu s-subċens li qed jiggrava fuq il-fond hawn imsemmi, liema fond huwa l-unika residenza ordinarja tal-esponenti;

Illi l-ammont ta' mija disgħa u tletin ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€139.76) kapitalizzat bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%), jammonta għal elfejn, seba' mija u ħamsa u disgħin ewro u għoxrin ċenteżmu (€2,795.20);

Illi oltre minn hekk, permezz ta' dina l-istess ċedola, l-esponent jixtieq jiddepożita wkoll is-somma ta' sitt mija tmienja u disgħin ewro u tmenin ċenteżmu (€698.80) rappreżentanti ħlas ta' ċens dovut lill-padruni mhux magħrufa mis-sena 2020 sal-lum.

Għaldaqstant, l-esponenti qegħdin jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u jiddepożitaw taħt l-awtorità tagħha s-somma komplessiva ta' tlett elef erba' mija u erbgħa u disgħin ewro (€3,494), liema ammont jikkonsisti fl-ammont

1864/2025, in the names John Micallef et vs Deputy Curators and in other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent, number 1864/2025 in the names of John Micallef, self-employed, married, son of Emanuel Vella and Jane Vella née Bugeja, born in Tal-Pietà and residing in St Julian's, holding identity card number 248864M; Joanne Micallef, married, daughter of Alexander Grech and Josephine Grech née Gauci, born in Tas-Sliema and residing in St Julian's, holding identity card number 294172M vs Deputy Curators nominated to represent vs Deputy Curators to represent the unknown direct owners, filed in the First Hall of the Civil Court on the 4th September, 2025, the applicants John Micallef and Joanne Micallef respectfully submitted:

That by means of a public deed of the 16th September of the year two thousand and nine (2009) in the records of Notary Dr Mario Bugeja, a copy of the same together with the relative plan are hereby attached and marked as Doc. A and Doc. B, the applicants John Micallef and Joanne Micallef acquired by title of perpetual sub-emphyteusis equally between them the property number thirty four (34), and the annexed garage number thirty two (32) in Triq il-Molletta, Swieqi, limits of St Julian's, together bounded on the North by the said Triq il-Molletta, west with property of Silvio and Melissa spouses Abela, or their successors in title, and east with property of Gabriel and Veronica Cassar Torreggiani, or their successors in title;

That the premises in question are subject to the annual and perpetual subgroundrent of one hundred thirty nine euro and seventy six cents (€139.76) and this as results from the acts attached with this schedule as Doc. A, Doc. C and Doc. D;

That the applicants wish to avail themselves of the faculties given to them under Article 1501 of the Civil Code, Cap. 16 of the Laws of Malta, and redeem the subgroundrent which is burdening the premises herein mentioned, which premises is the only ordinary residence of the applicants;

That the amount of one hundred and thirty nine euro and seventy six cents (€139.76) capitalised at the rate of five percent (5%), amounts to two thousand, seven hundred and ninety five euro and twenty cents (€2,795.20);

That furthermore, by means of this same schedule, the applicants wish to deposit also the sum of six hundred and ninety eight euro and eighty cents (€698.80) representing payment of groundrent due to unknown direct owners from the year 2020 till today.

Thus, the applicants are calling upon this Honourable Court and depositing under its authority the global sum of three thousand four hundred and ninety four euro (€3,494), which amount consists in the amount of two thousand, seven

ta' elfejn, seba' mija u ħamsa u disgħin ewro u għoxrin ċenteżmu (€2,795.20) bħala prezz ta' fidi taċ-ċens annwu u perpetwu tal-fond hawn fuq imsemmi, u sitt mija tmienja u disgħin ewro u tmenin ċenteżmu (€698.80) bħala ħlas ta' ċens dovut mis-sena 2020 sal-lum u dawn biex jiġu liberalment żbankati mill-intimati fil-kwalità tagħhom u dan wara li jkunu ppruvaw it-titolu tagħhom ai termini tal-artikolu 1501(8) tal-Kodiċi Ċivili u kif ukoll wara li jħallu d-debita riċevuta skont il-Liġi.

Notifiki: Kuraturi deputati

Reġistru Pubbliku, Evans Building, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Josette Demicoli, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 10 ta' Settembru, 2025

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 13 ta' Awwissu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

hundred and ninety five euro and twenty cents (€2,795.20) as price of redemption of the annual and perpetual groundrent of the premises abovementioned, and six hundred ninety eight euro and eighty cents (€698.80) as payment of groundrent due from the year 2020 till today and these to be freely withdrawn by the respondents in their capacity and this after they have proved their title in terms of Article 1501 (8) of the Civil Code and also after leaving the due receipt according to Law.

Notifications: Deputy curators

Public Registry, Evans Building, Triq il-Merkanti, Valletta

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Josette Demicoli, LLD, Doctor of Laws.

Today 10th September, 2025

Registry of the Superior Courts, today 13th August, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2086

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-12 ta' Ġunju, 2026, fuq talba ta' Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil Angela Galea u John Luke Schembri fl-atti tar-rikors numru 56/2025 PV u fl-atti u l-proċeduri l-oħra relattivi jew sussegwenti.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 12th June, 2026, following a request by the Directorate for Child Protection it was ordered that deputy curators be appointed to represent Angela Galea and John Luke Schembri in the acts of Application Number 56/2025 PV and in the relative or subsequent acts and procedures.

By means of an Application in the names Directorate for Child Protection within the Foundation for Social Welfare

vs Angela Galea (KI 34198M) u John Luke Schembri (KI 009597M) limitatament fir-rigward tal-minuri … omissis …, ippreżentat fil-Qorti tal-Minorenni fid-19 ta' Ġunju, 2025, fejn id-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal talab lil din il-Qorti:

1. Illi preliminarjament u ai termini tal-Artikolu 18(3), tordna li l-minuri jirrisjedu man-nanna materna s-Sa Elizabeth-Anne Buttigieg (KI 0514072M) ġewwa r-residenza tagħha Caravaggio Court, T4B 1, il-Ponta ta' Tigné, Tas-Sliema;

2. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri għandha tiġi vestita fin-nanna materna s-Sa Elizabeth-Anne Buttigieg (KI 0514072M) sabiex tkun tista' tamministra l-kura ordinarja u straordinarju tal-minuri inkluż aspetti relatati mal-edukazzjoni u trattamenti mediċi fejn il-passaport li jappartjenu lill-istess minuri għandhom minnufih jiġu rilaxxati lin-nanna materna u jinżamm minnha, b'dan li l-istess nanna materna għandha tikkopera b'mod sħiħ ma' dan id-Direttorat għal kwalunkwe rakkomandazzjonijiet minn ħaddiema soċjali u/jew visti ġewwa r-residenza fejn jirrisjedi l-minuri;

3. Illi preliminarjament u ai termini tal-Artikolu 18(3), kwalunkwe kuntatt tal-minuri mal-omm għandu jsir taħt superviżjoni li qed jiġi rakkomandat li jseħħ għal siegħa fil-ġimgħa u għandha tkun regolata mid-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) fejn l-istess Direttorat ikollu l-fakultà illi wara li jeżamina l-benefiċċju għal-minuri minn tali aċċess, jawtorizza li jsir tali kuntatt fejn tali direttorat għandu jkollu wkoll l-awtorizzazzjoni li jiddetermina, anke pendente lite, il-metodoloġija ta' kuntatt u jamministra hu s-superviżjoni jew monitoraġġ, fejn id-Direttorat ikollu l-fakultà illi jieħu deċiżjonijiet li jnaqqas, jestendi, iżid, jissospendi jew jittermina l-aċċess jekk dan ikun ta' ħsara għal minuri;

4. Illi preliminarjament u ai termini tal-Artikolu 18(3) tordna li l-omm tkun projbita milli tavviċina l-inħawi ta' Tas-Sliema b'mod partikolari iżda mhux limitatament Caravaggio Court, T4B 1, il-Ponta ta' Tigné, Tas-Sliema, u li tavviċina jew tikkomunika b'mod telefoniku, messaġġi u/jew permezz ta' medja soċjali mal-minuri fil-gżejjer ta' Malta u Għawdex mingħajr superviżjoni regolata minn dan id-Direttorat esponenti hekk kif ġie stipulat fit-talba preċidenti;

5. Illi preliminarjament u ai termini tal-Artikolu 18(3), kwalunkwe kuntatt tal-minuri … omissis … mal-missier għandu jkun wieħed liberu b'dan li n-nanna materna għandha tassigura li tali aċċess m'għandux ixekkel jew ittellef attivitajiet edukattivi u ekstrakurrikulari;

6. Tordna illi l-omm għandha ssegwi ordni ta' trattament ai terminu tal-Artikolu 19(1)(c) tal-Kap. 602 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tieħu l-kura fir-rigward tad-dipendenza tal-użu tad-droga nubb servizzi speċjalizzati u sabiex tirċievi kura psikjatra;

Services vs Angela Galea (KI 34198M) and John Luke Schembri (KI 009597M) limitedly as regards the minor … omissis …, filed in the Juvenile Court on the 19th June, 2025, whereby the Directorate for Child Protection respectfully requested:

1. That preliminarily and in terms of Article 18 (3), authorises that the minors reside with the maternal grandmother Ms Elizabeth-Anne Buttigieg (KI 0514072M) at her residence Caravaggio Court, T4B 1, Tigné Point, Tas-Sliema;

2. Order that the care and custody of the minor be vested in the maternal grandmother Ms Elizabeth-Anne Buttigieg (KI 0514072M) in order to be able to administer the ordinary and extraordinary care of the minor including aspects related to education and medical treatment where the passport belonging to the same minor shall immediately be released to and retained by the maternal grandmother, provided that the same maternal grandmother shall fully cooperate with this Directorate for any recommendations by social workers and/or visits to the residence where the minor resides;

3. That preliminarily and in terms of Article 18 (3), any contact of the minor with the mother should be made under supervision which is being recommended to take place for one hour a week and should be regulated by the Directorate Alternative Care (Children and Youths) where the same Directorate has the faculty that after examining the benefit to the minor from such access, authorise such contact where such Directorate shall also have the authorisation to determine, even pendente lite, the contact methodology and administer its supervision or monitoring, where the Directorate has the faculty to take decisions reducing, extending, increasing, suspending or terminating access if this would harm minors;

4. That preliminarily and in terms of Article 18 (3) order that the mother be prohibited from approaching the area of Tas-Sliema in particular but not limitedly Caravaggio Court, T4B 1, Tigné Point, Tas-Sliema, and to approach or communicate by telephone, messages and/or social media with minors in the islands of Malta and Gozo without regulated supervision by this applicant Directorate as stipulated in the previous demand;

5. That preliminarily and in terms of Article 18 (3), any contact of the minor … omissis … with the father should be free so that the maternal grandmother should ensure that such access should not hinder or hinder educational and extra-curricular activities;

6. Order that the mother is to follow a treatment order in terms of Article 19 (1) (c) of Cap. 602 of the Laws of Malta to take care regarding the dependence of the use of drugs and specialized services and to receive psychiatric care;

7. Tappunta r-rikors odjern għas-smigħ ai termini tal-Artikolu 18(5) tal-Kap. 602 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Tappunta Avukat tat-Tfal sabiex jipprovdi spjegazzjoni, jipprovdi kull informazzjoni lill-minuri, jassisti u jippreżenta l-fehmiet tal-minuri quddiem din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-Artikolu 25 tal-Kap. 602 tal-Liġijiet ta' Malta;

9. Tilqa' r-rakkomandazzjonijiet, inkluż il-ħruġ tal-ordni għal superviżjoni għal perjodu ta' sena, tad-Direttur għad-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal kif dedotti fir-rapport anness bħala Dok. X u tagħmilhom bħala parti integrali mid-deċiżjoni finali tagħha u sussegwentement tirreferi d-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti lill-Bord ta' Reviżjoni sabiex jibda jirrevedi l-pjan ta' kura tal-minuri ai termini tal-Kap. 602 tal-Liġijiet ta' Malta;

U dan taħt dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi.

Bl-ispejjeż

Esponenti: 220, Triq il-Kanun, Santa Venera

Notifika: Angela Galea: Orchid, Flat 1, Triq Jannara, Birkirkara

John Luke Schembri: Orchid, Flat 1, Triq Jannara, Birkirkara

Reġistratur tal-Qrati Ċivili Sezzjoni Familja, Il-Qorti, Il-Belt Valletta

Avukat tat-Tfal

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti hawn fuq imsemmija fuq xhieda tal-Magistrat Dott. Patrick Valentino, LLD, Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmi.

Illum 12 ta' Ġunju, 2026

7. Appoints the present application for hearing in terms of Article 18 (5) of Cap. 602 of the Laws of Malta;

8. Appoint a children's Advocate to provide an explanation, provide any information to the minor, assist and present the views of the minor before this Honourable Court in terms of Article 25 of Cap. 602 of the Laws of Malta;

9. Uphold the recommendations, including the issue of the supervision order for a period of one year, of the Director for the Director for Child Protection as deduced in the annexed report as Doc. X and make them an integral part of its final decision and subsequently refer the decision of this Honourable Court to the review Board in order to start reviewing the plan of care of the minor in terms of Cap. 602 of the Laws of Malta;

And this under those provisions that this Honourable Court deems fit and opportune in the circumstances.

With costs

Applicant: 220, Triq il-Kanun, Santa Venera

Notification: Angela Galea: Orchid, Flat 1, Triq Jannara, Birkirkara

John Luke Schembri: Orchid, Flat 1, Triq Jannara, Birkirkara

Registrar Civil Courts Family Section, Courts of Justice, Valletta

Children's Lawyer

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann at the entrance of this Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you encounter any difficulty in the execution of this bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the aforementioned Court with the witness of Magistrate Dr Patrick Valentino, LLD, Doctor of Laws, Magistrate of the abovementioned Court.

Today 12th June, 2026

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 13 ta' Awwissu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 13th August, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2087

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fis-16 ta' Ġunju, 2026, fuq talba ta' Salvatore sive Saviour Mario Abela ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lid-direttarji u s-subdirettarji mhux magħrufa fl-atti taċ-Ċedola numru 1211/2026, fl-ismijiet Salvatore sive Saviour Mario Abela vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra u relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 1211/2026 fl-ismijiet Salvatore sive Saviour Mario Abela (KI 0237465M), iben Vittorio Giuseppe Abela u Anna Abela née Psaila, imwieled iż-Żejtun nhar l-għaxra ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u ħamsa u sittin (10/5/1965) u residenti fi 12, Elysian Fields, Triq il-Pellikan, San Ġwann, u Mary Rose Sciberras née Abela (KI0646059M), mart Raymond Sciberras, bint Vittorio Giuseppe Abela u Anna Abela née Psaila, imwielda fis-sitta ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u disgħa u ħamsin (06/10/1959) u resident f'147, Serenella Penthouse, Triq Toni Zahra, Iż-Żejtun, vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lid-direttari jew subdirettarji mhux magħrufa ta' proprjetà bin-numru tmienja (8), Santa Theresa, Triq Connaught, Iż-Żejtun, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fil-11 ta' Ġunju, 2026, fejn Salvatore sive Saviour Mario Abela (KI 237465M) u Mary Rose Sciberras (KI 0646059M) esponew bir-rispett:

1. Illi l-esponenti akkwistaw il-proprjetà immobli bin-numru tmienja (8), Santa Theresa, Triq Connaught, Iż-Żejtun, permezz ta' suċċessjoni u dan hekk kif jidher fid-dikjarazzjoni causa mortis fl-Atti tan-Nutar Dott. Anton Borg datat ħdax (11) ta' April tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) (ara Dok. A);

2. Illi l-istess proprjetà subriferuta hija suġġetta għal subċens annwu u perpetwu fl-ammont ta' ewro u għoxrin ċenteżmu (€1.20) u dana hekk kif jidher fil-kuntratt ta' bejgħ fl-Atti tan-Nutar Dott. Robert Girard datat tmintax (18) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija, tlieta u sittin (1963) (ara Dok. B);

Banns for the Curators

Republic of Malta

To the Marshal of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 16th June, 2026, following a request of Salvatore sive Saviour Mario Abela, it was ordered that deputy curators be chosen to represent the unknown direct owners and sub-direct owners in the records of Schedule of deposit number 1211/2026, in the names Salvatore sive Saviour Mario Abela vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a Schedule of Deposit of deposit and redemption of groundrent number 1211/2026 in the names of Salvatore sive Saviour Mario Abela (ID 0237465M), son of Vittorio Giuseppe Abela and Anna Abela née Psaila, born in Żejtun on the tenth May of the year one thousand nine hundred and sixty five (10/5/1965) and residing at 12, Elysian Fields, Triq il-Pellikan, San Ġwann, and Mary Rose Sciberras née Abela (ID 0646059M), wife of Raymond Sciberras, daughter of Vittorio Giuseppe Abela and Anna Abela née Psaila, born on the sixth October of the year one thousand nine hundred and fifty nine (06/10/1959) and residing at 147, Serenella Penthouse, Triq Toni Zahra, Żejtun, vs Deputy Curators to represent the unknown direct or sub-direct owners of property numbered eight (8), Santa Theresa, Triq Connaught, Żejtun, filed in the First Hall of the Civil Court on the 11th June, 2026, the applicants Salvatore sive Saviour Mario Abela (ID 10237465M) and Mary Rose Sciberras (ID 0646059M) respectfully submitted:

1. That the applicants acquired the property marked with number eight (8), Santa Theresa, Triq Connaught, Żejtun, by means of succession and this as shown in the declaration causa mortis in the records of Notary Dr Anton Borg dated eleventh (11) of April of the year two thousand and twenty four (2024) (see Doc. A)

2. That the same sub-referenced property is subject to an annual and perpetual subgroundrent in the amount of euro and twenty cents (€1.20) and this as appears in the contract of sale in the records of Notary Dr Robert Girard dated eighteenth (18) of January of the year one thousand nine hundred and sixty three (1963) (see Doc. B);

3) L-esponenti ma jafux lil min għandu jitħallas dan is-subċens sufferit u għalhekk qegħdin kontestwalment jipproċedu għan-nomina ta' kuraturi deputati;

4) L-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà mogħtija lilhom mill-Artikolu 1501 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Is-subċens surreferit kapitalizzat bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%) huwa ekwivalenti għal erbgħa u għoxrin ewro (€24.00);

5. Illi għall-kompletezza, qed tiġi depożitat ukoll l-ammont ta' sitt ewro (€6.00) rappreżentanti arretrati ta' ċens dovuti għal dawn l-aħħar ħames (5) snin

Għaldaqstant u in vista tas-su espost, l-esponenti qegħdin jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u jiddepożitaw is-somma ta' tletin ewro (€30.00) bħala depożitu u fidwa ta' subċens favur Deputati Kuraturi sabiex jirrappreżentaw lid-direttarji jew sub-direttarji mhux magħrufa tal-proprjetà de quo sabiex din is-somma hekk depożitata tkun tista' tiġi rtirata wara li titħalla d-debita rċevuta skont il-liġi.

Notifika: Reġistratur tal-Artijiet, 116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Triq l-Arċisqof, Il-Belt Valletta

Kuraturi Deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Charmaine Galea, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 16 ta' Ġunju, 2026

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 13 ta' Awwissu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

3. The applicants do not know to whom this above mentioned sub-groundrent is to be paid and thus they are at the same time proceeding to the nomination of deputy curators;

4. The applicants wish to avail themselves of the faculty given to them by Article 1501 of Cap. 16 of the Laws of Malta. The sub-groundrent above mentioned capitalised at the rate of five per cent (5%) is equivalent to twenty four euros (€24.00);

5. That for the sake of completeness, the amount of six euro (€6.00) representing arrears of groundrent due for the last five (5) years is being deposited.

Thus and in view of the above, the applicants are calling upon this Honourable Court and depositing the sum of thirty euro (€30.00) as deposit and redemption of sub-groundrent in favour of Deputy Curators to represent the unknown direct or sub-direct owners of the property de quo so that this sum so deposited can be withdrawn after the due receipt according to law is left.

Notification: Land Registrar, 116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Valletta

Director Public Registry, Triq l-Arċisqof, Valletta

Deputy Curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Charmaine Galea, LLD, Doctor of Laws.

Today 16th June, 2026

Registry of the Superior Courts, today 13th August, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2088

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-12 ta' Ġunju, 2026, fuq talba ta' Direttorat għall-Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) ġie ordnat li jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-ġenituri Edith Cutajar u Rodnick Cassar fl-atti tar-Rikors numru 105/2025 PV fl-ismijiet Direttorat għall-Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) vs … omissis … u fl-atti u l-proċeduri l-oħra relattivi jew sussegwenti:

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Direttorat għall-Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) vs … omissis …, ippreżentat fil-Qorti tal-Minorenni fit-12 ta' Novembru, 2025, fejn id-Direttorat għall-Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tappunta r-rikors għas-smigħ sabiex din l-Onorabbli Qorti tisma' lill-partijiet involuti ai termini tal-Artikolu 24(5) tal-Kap. 602 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tordna li l-minuri … omissis … li jinsab taħt ordni ta' ħarsien jiġi rilaxxat għall-adozzjoni ai termini tal-artikolu 24(1) et sequitur tal-Kap. 602 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Tirreferi d-digriet tagħha, flimkien mar-rikors, lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġuriżdizzjoni Volontarja) sabiex din il-Qorti tgħaddi biex tisma' u tiddeċiedi fuq l-adozzjoni tal-minuri … omissis … u dan ai termini tal-Artikolu 24(7) tal-Kap. 602 tal-Liġijiet ta' Malta.

U dan taħt dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuna fiċ-ċirkostanzi.

Direttorat esponenti: 240, Triq il-Kanun, Santa Venera

Notifika: Edith Cutajar, 69, St George, Triq l-Isqof Scicluna, Ħal Qormi
Rodnick Cassar, 80, Fl. 2, Triq Santa Luċija, Il-Belt Valletta, jew 2, Triq Lapsi, Ħal Qormi

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 12th June, 2026, following a request of the Directorate for Alternative Care (Children and Youths) it was ordered that deputy curators be chosen to represent the parents Edith Cutajar and Rodnick Cassar in the records of the Application number 105/2025 PV in the names Directorate for Alternative Care (Children and Youths) vs … omissis … and in the relative or subsequent acts and procedures:

By means of an application in the names Directorate for Alternative Care (Children and Youths) vs … omissis …, filed in the Juvenile Court on the 12th November, 2025, whereby the Directorate for Alternative Care (Children and Youths) requested this Honourable Court to:

1. Appoints the application for hearing so that this Honourable Court hears the parties involved in terms of Article 24 (5) of Cap. 602 of the Laws of Malta;

2. Order that the minor … omissis … who is under a protection order be released for adoption in terms of Article 24 (1) et sequitur of Cap. 602 of the Laws of Malta;

3. Refers its decree, together with the application, to the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) so that this Court proceeds to hear and decide on the adoption of the minor … omissis … and this in terms of Article 24 (7) of Cap. 602 of the Laws of Malta.

And this under those provisions that this Honourable Court deems fit and opportune in the circumstances.

Applicant: 240, Triq il-Kanun, Santa Venera

Notification: Edith Cutajar, 69, St George, Triq l-Isqof Scicluna, Ħal Qormi
Rodnick Cassar, 80, Fl. 2, Triq Santa Luċija, Valletta, or 2, Triq Lapsi, Ħal Qormi

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Maġistrat Dott. Patrick Valentino, LLD, Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmi.

Illum 12 ta' Ġunju, 2026

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati, illum 13 ta' Awwissu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the aforementioned Court of Minors with the witness of Magistrate Dr Patrick Valentino, LLD, Doctor of Laws, Magistrate of the above-mentioned Court.

Today 12th of June, 2026

Registry of the Courts of Magistrates, today 13th August, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2089

Avviż mir-Reġistru Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja)

Billi r-rikorrenti Renee Vella (0323497M) f'isimha propju u għan-nom tal-Minuri Ria Cher Vella preżentat rikors numru 151 /2026 AGV, fejn talbet il-korrezzjoni tal-att tat-twelid tal-istess Ria Cher Vella, bl-att tat-twelid numru 8435 /2025 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppeżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tingħata għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,

Illum 12 ta' Awwissu, 2026

CETTINA GAUCI
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notice, Registry of the Civil Court (Family Section)

Whereas the applicants Renee Vella (0323497M) noe for the minor Ria Cher Vella , presented an application (number 151/2026 AGV) demanding corrections in the act of birth certificate of the same Ria Cher Vella , in the acts of his birth certificate number 8345/2025, In the Public Registry.

Whoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,

Today 12th August, 2026

CETTINA GAUCI
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

2090

Avviż mir-Reġistru Tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Maria Tereza sive Marthese Azzopardi (KI 3654M) ippreżentat rikors (numru 804/2026JVC) fejn giet mitluba l-korrezzjoni tal-att tat-twelid numru 8036/1954 fir-Reġistru Pubbliku.

Notice, Registry of the Civil Court, First Hall

Whereas Maria Tereza sive Marthese Azzopardi (ID 3654M) filed an application (number 804/2026JVC) demanding the correction of birth act number 8036/1954 in the Public Registry.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppeżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tingħata għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,

Illum 13 ta' Awwissu, 2026

ANDREA ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,

Today 13th of August, 2026

ANDREA ATTARD
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

2091

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fis-27 ta' Lulju, 2026, fuq talba ta' Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal ġie ordnat li jingħażlu Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-missier Richard Louis Vella fl-atti tar-Rikors numru 22/2024 fl-ismijiet Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali vs Svetlana Gili (KI 173392M) u Richard Louis Vella (KI457098M) limitatament fir-rigward tal-minuri … omissis … u fl-atti u l-proċeduri l-oħra relattivi jew sussegwenti.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali vs Svetlana Gili (KI 173392M) u Richard Louis Vella (KI457098M) limitatament fir-rigward tal-minuri … omissis …, ippreżentat fil-Qorti tal-Minorenni fit-23 ta' Frar, 2024, fejn id-Direttorat għall Ħarsien tat-Tfal talab lil din il-Qorti jogħġobha:

1. Tikkonvalida l-ħruġ ta' ordni ta' emerġenza u t-tneħħija tal-minuri … omissis … ai termini tal-Artikolu 20(2) tal-Kap. 602;

2. Tafda I-kura u kustodja tal-minuri f'idejn id-Direttur tad-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) li jkollu s-setgħa illi jiddelga l-awtorità illi jkunu amministrati deċiżjonijiet rigwardanti l-edukazzjoni u trattamenti mediċi,

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 27th July, 2026, following a request by the Directorate for Child Protection within the Foundation of Social Services it was ordered that deputy curators be appointed to represent Richard Louis Vella in the acts of the Application Number 22/2024 in the names in the names Directorate for Child Protection within the Foundation for Social Welfare Services vs Svetlana Gili (ID 173392M) and Richard Louis Vella (KI457098M) limitedly as regards the minor … omissis … and in the relative or subsequent acts.

By means of an application in the names Child Protection Directorate within the Foundation for Social Welfare Services vs Svetlana Gili (ID 173392M) and Richard Louis Vella (KI457098M) limitedly as regards the minor … omissis …, filed in the Juvenile Court on the 23rd February, 2024 whereby the applicant Directorate for Child Protection asked this Court to:

1. Validate the issuing of an emergency order and the removal of the minors … omissis … in terms of Article 20 (2) of Cap. 602;

2. Entrust the care and custody of the minor to the Director of the Directorate for Alternative Care (Children and Youths) having the power to delegate the authority to administer decisions regarding education and medical,

terapewtiċi u psikjatriċi lil persuna/i ta' fiduċja jew persuna/i li għandhom il-kompitu li jamministraw djar ta' kura alternattiva;

3. Tordna preliminarjament u ai termini tal-Artikolu 18(3) l-minuri jirrisjedu ġewwa residenza alternattiva li hija liċenzjata u approvata mill-Awtorità rispettiva u d-Direttur esponenti skont l-istess Kap. 602;

4. Illi preliminarjament u ai termini tal-Artikolu 18(3), kwalunkwe kuntatt tal-minuri mal-omm (li qed jiġi rakkomandat li jseħħ darba (1) f'ġimgħa għal siegħa (1)), il-missier u kwalunkwe membru familjari għandha ssir taħt superviżjoni u li għandha tkun regolata mid-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) fejn l-istess Direttorat ikollu l-fakultà illi wara li jeżamina l-benefiċċju għall-minuri minn tali aċċess, jawtorizza li jsir tali kuntatt fejn tali Direttorat għandu jkollu wkoll l-awtorizzazzjoni li jiddetermina, anke pendente lite, il-metodologija ta' kuntatt u jamministra hu s-superviżjoni jew monitoraġġ, fejn id-Direttorat ikollu l-fakultà illi jieħu deċiżjonijiet li jnaqqas, jestendi, iżid, jissospendi jew jittermina l-aċċess jekk dan ikun ta' ħsara għall-minuri;

5. Tgħaddi sabiex tinnomina avukat tat-tfal ai termini tal-proviso li jsegwi Artikolu 20(2) tal-Kap. 602 sabiex jipprovdi spjegazzjoni, jipprovdi kull informazzjoni lill-minuri, jassisti u jippreżenta l-fehmiet tal-minuri quddiem din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-artikolu 25 tal-Kap. 602 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Tibgħat l-atti lill-Onorabbli Qorti tal-Minorenni ai termini tal-Artikolu 20(5), liema Qorti qiegħda bir-rispett tiġi mitluba tawtorizza l-ordni għall-ħarsien tal-minuri u tilqa' r-rakkomandazzjonijiet tad-Direttur esponenti kif se jiġu dedotti fil-pjan ta' ħarsien mill-istess Direttorat, kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti tikkonvalida temporanjament din l-ordni u dan ai termini tal-Artikolu 20(13) tal-Kap. 602;

U dan taħt dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi.

Esponenti: 220, Triq il-Kanun, Santa Venera

Notifika: Direttorat Kura Alternattiva, 36, Triq San Luqa, Gwardamanġa

Svetlana Gili, 66, Panaroma Court, Flat 8, Triq iċ-Ċern, San Pawl il-Baħar

Richard Louis Vella, Block 3, Flat 7, Triq Sant'Andrija, Bormla

Reġistratur tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni Familja), il-Qorti Il-Belt Valletta

therapeutic and psychiatric treatments to a trusted person/s or person/s tasked with managing alternative care homes;

3. Order preliminarily and in terms of Article 18 (3) that the minors reside in an alternative residence which is licensed and approved by the respective authority and the Applicant Director according to the same Cap. 602;

4. That preliminarily and in terms of Article 18 (3), any contact of the minor with the mother (which is being recommended to take place once (1) weekly for one (1) hour, the father and any family Member shall be made under supervision and shall be regulated by the Directorate Alternative Care (Children and Youths) where the same Directorate has the option of authorising, after examining the benefit to the children from such access, authorise that such contact where the said Directorate shall also have the authorisation to determine, even pendente lite, the contact of methodology and administer its supervision or monitoring, where the Directorate has the faculty to take decisions reducing, extending, increasing, suspending or terminating access if this would harm minors;

5. Proceed to nominate a children's advocate in terms of the proviso following Article 20 (2) of Cap. 602 in order to provide an explanation, provide any information to the minor, assist and present the views of the minor before this Honourable Court in terms of Article 25 of Cap. 602 of the Laws of Malta;

6. Send the records to the Honourable Juvenile Court in terms of Article 20 (5), which a Court is respectfully being asked to authorise the order for the protection of the minor and uphold the recommendations of the applicant Director as shall be deducted in the care plan from the same Directorate, if this Honourable Court validates temporarily this order and this in terms of Article 20 (13) of Cap. 602;

And this under those provisions that this Honourable Court deems fit and opportune in the circumstances.

Applicant: 220, Triq il-Kanun, Santa Venera

Notification: Alternative Care Directorate, 36, Triq San Luqa, Gwardamanġa

Svetlana Gili, 66, Panaroma Court, Flat 8, Triq iċ-Ċern, St Paul's Bay

Richard Louis Vella, Block 3, Flat 7, Triq Sant'Andrija, Cospicua

Registrar Civil Courts (Family Section), the Courts, Valletta

Pulizija Eżekuttiva, St Calcedonius Square, Il-Furjana

Avukat tat-Tfal

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fuq xhieda tal-Maġistrat Dott. Patrick Valentino, LLD, Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti tal-Maġistrati hawn fuq imsemmi.

Illum 27 ta' Lulju, 2026

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 13 ta' Awwissu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Executive Police, St Calcedonius Square, Floriana

Children's Lawyer

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the aforementioned Court of Magistrates (Malta) with the witness of Magistrate Dr Patrick Valentino, LLD, Doctor of Laws, Magistrate of the above mentioned Court.

Today 27th July, 2026

Registry of the Magistrates Court (Malta), today 13th August, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2092

Ikun jaf kulħadd illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja fis-7 ta' Mejju, 2026 (Rikors numru 51/2026) rikors ta' Grazja Falzon fejn intalbet l-apertura tas-suċċessjoni ta' Salvatore Buttigieg, irtirat, miżżewweġ lil Maria Buttigieg née Camilleri, iben il-mejtin Angelo Buttigieg u Carmela Buttigieg née Bonello, imwieled in-Nadur, Għawdex, fid-9 ta' Ottubru, 1891, u miet ir-Rabat, Għawdex, fl-24 ta' Awwissu, 1971 (karta tal-identità numru 53091(Z)), liema apertura ta' suċċessjoni għandha ssir a favur Grazja Falzon (KI 52033G), l-eredi ta' Ursola Buttigieg (KI 32620G), l-eredi ta' Joseph Buttigieg (KI 27224G), l-eredi ta' Rita Muscat (KI 36727G), l-eredi ta' Angela Spiteri (KI 422G) u l-eredi ta' Peter Paul Buttigieg (KI 77830G) fi kwota ta' sesta parti (1/6) indiviża kull wieħed, ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa b'dan imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu.

It is hereby notified that by means of an application filed in the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction on the 7th of May, 2026 (Application number 51/2026) by Grazja Falzon, the opening of the SUCCESSION was requested of Salvatore Buttigieg, retired, married to Maria Buttigieg née Camilleri, son of the late Angelo Buttigieg and Carmela Buttigieg née Bonello, born in Nadur, Gozo on the 9th October 1891 and died in Victoria, Gozo, on the 24th August 1971 (Identity Card number 53091 (Z)) which opening of succession is to be made in favour of Grazja Falzon (ID 52033G), the heirs of Ursola Buttigieg (ID 32620G), the heirs of Joseph Buttigieg (ID 27224G), the heirs of Rita Muscat (ID 36727G), the heirs of Angela Spiteri (ID 422G) and the heirs of Peter Paul Buttigieg (ID 77830G) in the quota of one sixth (1/6) undivided share each, the issue of these bands was ordered to let know everyone who may have an interest therein.

Therefore, anyone who might have an interest is hereby summoned to appear before the aforementioned Court in order to oppose that request by means of a note within fifteen days which start running from the day of the posting of the banns.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Volontarja bix-xhieda ta' Dott. Natalino Caruana De Brincat, Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 13 ta' Awwissu, 2026

DANIEL SACCO
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Issued by the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction, with the testimony of Dr Natalino Caruana De Brincat, Doctor of Law, Magistrate of the aforementioned Court.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction

Today the 13th of August, 2026

DANIEL SACCO
Deputy Registrar, or the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

2093

Ikun jaf kulħadd illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja fis-27 ta' Marzu, 2026 (Rikors numru 31/2026) rikors ta' Esther Bajada et fejn intalbet l-apertura tas-suċċessjoni ta' Angelo Curmi, iben il-mejtin Saviour Curmi u Pietra née Grima, imwieled in-Nadur, Għawdex, u miet ir-Rabat, Għawdex, fil-11 ta' Marzu, 2021 (karta tal-identità numru 35638G), liema apertura ta' suċċessjoni għandha ssir a favur iż-żewġ uliedu Lawrence sive Renzo Curmi (KI 31367G) u Esther Bajada (KI 18371G) fi kwota ta' nofs (1/2) kull wieħed, ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa b'dan imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Volontarja bix-xhieda ta' Dott. Natalino Caruana De Brincat, Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 13 ta' Awwissu, 2026

DANIEL SACCO
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

It is hereby notified that by means of an application filed in the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction on the 27th of March, 2026 (Application number 31/2026) by Esther Bajada et, the opening of the succession was requested of Angelo Curmi, son of the late Saviour Curmi and Pietra née Grima, born in Nadur, Gozo and died in Victoria, Gozo, on the 11th of March, 2021 (identity card number 35638G), which opening of succession is to be made in favour of his two children Lawrence sive Renzo Curmi (ID 31367G) and Esther Bajada (ID 18371G) in a quota of half (1/2) each, the issue of these bands was ordered to let know everyone who may have an interest therein.

Therefore, anyone who might have an interest is hereby summoned to appear before the aforementioned Court in order to oppose that request by means of a note within fifteen days which start running from the day of the posting of the banns.

Issued by the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction, with the testimony of Dr Natalino Caruana De Brincat, Doctor of Law, Magistrate of the aforementioned Court.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction

Today the 13th of August, 2026

DANIEL SACCO
Deputy Registrar, for the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

2094

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-4 ta' Awwissu, 2026, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront ta' YCF Boutique Accomodation Limited (C85186).

By a decree of the Civil Court, First Hall, of the 4th August, 2026, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187 (3) et seq of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12) on the respondent YCF Boutique accomodation Limited (C85186).

Permezz ta' Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni numru 861/2026CG ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fil-5 ta' Ġunju, 2026, fl-ismijiet FM Core Limited (C49204) vs YCF Boutique Accomodation Limited (C85186). Ir-rikorenti FM Core Limited (C49204) talbet illi l-Onorabbli Qorti tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat sabiex tinżamm milli tbigħ, tneħħi, titrasferixxi jew jiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruż jew gratuwitu kull proprjetà u b'mod partikolari boutique hotel bl-isem 'Palazzo Miramar' li qabel kienet magħrufa bħala l-ismijiet tad-djar 'Miramar' f'Misraħ Santa Margerita li qabel kienet imsejħa Triq il-Konservatorju, Bormla, li tmiss mix-Xlokk mat-Triq imsemmija, mit-Tramuntana u l-Grigal mat-Telgħa ta' Santa Margerita jew konfini aktar preċiżi proprjetà tad-debitur, u dana stante li s-soċjetà intimata hija debitriċi ta' dik rikorrenti fis-somma ta' sitta u ħamsin elf, seba' mija u sebgħa u erbgħin ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€56,747.36).

Kreditu: Sitta u ħamsin elf, seba' mija u sebgħa u erbgħin ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€56,747.36).

Titolu: Import ta' sitt kambjali waħda fl-ammont ta' €23,268.16 li skadiet fl-ewwel (1) ta' Frar, 2026, u ħamsa oħra fl-ammont ta' €6,695.84 kull waħda, li skadew rispettivament fl-ewwel (1) ta' Frar, 2026, fl-ewwel (1) ta' Marzu, 2026, fl-ewwel (1) ta' April, 2026, fl-ewwel (1) ta' Mejju, 2026, u fl-ewwel (1) ta' Ġunju, 2026 .

Illi dan il-mandat għandu jiġi milqugħ provviżorjament.

Illi l-esponenti se jiġi preġudikat jekk is-soċjetà intimata ma tiġix inibita kif ingħad.

Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni kontra s-soċjetà intimata.

Il-Mandat ta' Inibizzjoni numru 861/2026CG fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-1 ta' Settembru, 2026, fid-9.15 a.m.

Notifika Intimat: YCF Boutique Accomodation Limited (C85186), 'Miramar', Triq il-Konservatorju, Bormla

Palazzo Miramar Boutique Hotel, Misraħ Santa Margerita, Bormla

Reġistru tal-Qorti Ċivili, illum 13 ta' Awwissu, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application for the issuing of a Warrant of Prohibitory Injunction number 861/2026CG filed in the First Hall Civil Court, on the 5th June, 2026, in the names FM core Limited (C49204) vs YCF Boutique accomodation Limited (C85186). The applicant FM core Limited (C49204) asked that this Honourable Court orders the issuing of a warrant of prohibitory injunction against the respondent in order that she be witheld from selling, alienating, transferring or disposing inter vivos both by onerous or gratuitous title any property and in particular the boutique hotel with the name 'Palazzo Miramar' formerly known as the names of the houses 'Miramar' in Misraħ Santa Margerita formerly known as Triq il-Konservatorju, Cospicua, bounded on the southeast by the said street, on the north and northeast by Santa Margerita Hill or more precise boundaries property of the debtor, and this since the respondent company is a debtor of the applicant in the sum of fifty six thousand, seven hundred and forty seven euro and thirty six cents (€56,747.36).

Credit: fifty six thousand, seven hundred and forty seven Euro and thirty six cents (€56,747.36).

Title: Import of six bills of exchange one in the amount of €23,268.16 which lapsed on the 1st February, 2026, and another five in the amount of €6,695.84 each, which lapsed respectively on the 1st February, 2026, on the 1st March, 2026, on the 1st April, 2026, on the 1st May, 2026, on the 1st May, 2026, and on the 1st (1) June, 2026.

That this warrant should be provisionally upheld.

That the applicant shall be prejudiced if the respondent company is not inhibited as stated.

Thus, the applicant humbly prays that this Honourable Court orders the issuing of the warrant of prohibitory injunction in question against the respondent company.

The Warrant of Prohibitory Injunction number 861/2026CG in the names mentioned above is postponed to the 1st September, 2026, at 9:15 a.m.

Notification respondent: YCF Boutique Accomodation Limited (C85186), 'Miramar', Triq il-Konservatorju, Cospicua

Palazzo Miramar Boutique Hotel, Misraħ Santa Margerita, Cospicua

Registry of the Civil Court, today 13th August 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603